# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 847

Marzu 2003



# Għawdxin fil-Klawsura

# GĦONJA
# FIS-SERVIZZ TA' MĦABBA



Caritas
Ghawdex

# JIEM IMPORTANTI

## biex INT taħseb iktar f'ĦUTEK

**JUM IL-KARITÀ**
Fil-Festa ta' Kristu Re

**JUM IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**
Fit-3 ta' Diċembru

**JUM IL-ĦAJJA**
Fl-Ewwel Ħadd ta' Frar

**JUM IL-MORDA**
Fil-11 ta' Frar

**KAMPANJA TA' SAGRIFIĊĊJU**
Matul ir-Randan kollu

**JUM IL-ĠENEROŻITÀ**
Qrib il-Festa Titulari ta' kull Parroċċa

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Sorijiet Klarissi Għawdxin • 12
Ir-Respite Centre • 16
Poeżija • 19
ACM: Il-Familja "Aħbar tajba għat-Tielet Millenju" • 20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu –
Qerq bil-Bdiewa • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (15) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (14) • 26
Wirt Gżiritna –
Il-Mużew Marittimu fin-Nadur • 30
Xhieda Nisranija : Fra Baskal (3) • 32
Għawdxin li għadna niftakru (3) -
Dun Anton "Tal-Magna" • 34
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 847***
***Marzu 2003***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta'Frar 2003*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Sorijiet Klarissi Għawdxin fil-klawsura ta' San Ġiljan**
(ara l-intervista f'paġni 12-15)

EDITORJAL

# Galantomi Biss fl-Għoti tal-Flus ?

*Huwa fatt innegabbli, u li bħala nazzjon jagħmlilna unur, li l-poplu Malti u Għawdxi huwa poplu tassew ġeneruż. Forsi 'llum il-ġurnata wieħed jista' jgħid bla tlaqlieq ta' xejn li din hi waħda mill-aktar virtujiet li tispikka fil-poplu tagħna.*

*Kull darba li jsiru sejħat għall-għajnuna bi skopijiet ta' karita`, bħal donnu kulħadd iħoss l-obbligu li għandu jdaħħal idu fil-but u jagħti mill-aħjar li jista'. Fiż-żmien tal-Milied, per eżempju, ta' kull sena nassistu għall-maratoni sħaħ ta' kampanji ta' ġbir ta' fondi - l-parti l-kbira tagħhom bi skop tajjeb - dak ta' għajnuna lil min tassew jeħtieġha; lill-marid, lill-batut, lil min għandu bżonnijiet speċjali ... eċċ, u ta' kull sena nassistu għal record wara l-ieħor f'dawk li huma ċifri ta' flus miġbura. Naħseb li ma nkunx niżbalja jekk ngħid li perċentwal kbir tal-popolazzjoni tagħti is-sehem tagħha. L-istess nistgħu ngħidu għall-ġbir li jsir matul is-sena kollha, daqqa b'risq il-missjonijiet, oħra b'risq xi kawża ġusta, u f'kampanji simili bħal dawk li jiġu organizzati f'dan iż-żmien tar-Randan.*

*Li forsi jidher jistona hu li wara dawn il-manifestazzjonijiet li huma ta' min ifaħħarhom, jibqgħu jinħassu sew fost dan l-istess poplu, diversi kurrenti li jidhru ferm kuntrarji għal dan kollu. Qed nirreferi għall-pjagi soċjali li nħabbtu wiċċna magħhom ta' kuljum, bħal ma huma l-firda, l-għira, il-mibgħeda, il-pika, l-inġustizzji, il-korruzzjoni, l-isfruttament tad-dgħajjef, eċċ. Dawn sfortunatament jirrenjaw fostna wisq aktar ta' spiss mill-okkażjonijiet l-oħra. Jew aħna galantomi fil-flus biss? Jaqaw il-karita` tissarraf biss fl-elemożina?*

*Possibbli li l-poplu tagħna ma jikkonfrontax lilu nnifsu fuq dawn il-kurrenti tant opposti fi ħdanu stess u li jikkontradixxu tant lil xulxin? Jew qed ninqdew b'dawn il-ftit okkażjonijiet ta' darba f'sena biex inserrħu l-kuxjenza tagħna? ... Il-flus mhux kollox!*

**AVVIŻ IMPORTANTI**

Jekk għadek ma ġeddidtx l-abbonament tiegħek għas-sena 2003, qegħdin nerġgħu nfakkruk biex tibgħatilna malajr il-formola u l-ħlas, mhux aktar tard mit-28 ta' Marzu. Grazzi.

**L-AMMINISTRATUR**




### *Il-Missjoni l-Kbira fil-Parroċċa tal-Qala*

Fil-parroċċa tal-Qala, nhar is-Sibt 18 ta' Jannar, sar il-ftuħ tal-Missjoni l-kbira b'Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci. Fl-omelija tiegħu Mons. Giovanni Gauci tkellem dwar il-ħtieġa kontinwa tal-konverżjoni fil-ħajja tan-nisrani u qal li Alla ma jonqosx li jagħti l-mezzi meħtieġa. Fost dawn il-mezzi hemm ukoll il-Missjoni l-Kbira. Il-Missjoni l-Kbira kienet mifruxa fuq ħmistax-il ġurnata ta' priedki u konferenzi minn predikaturi Għawdxin u Maltin. ***Fl-għeluq tal-istess Missjoni,*** is-Sibt 1 ta' Frar, 2003, Mons Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr. Fl-omelija tiegħu Mons Isqof tkellem dwar il-preżentazzjoni tal-Mulej fit-tempju u qal li l-insara m'għandhom qatt jonqsu milli jippreżentaw ruħhom lil Alla partikularment fil-jum qaddis tal-ħadd u l-festi kmandati. Huwa stieden lill-ġemgħa preżenti biex flimkien miegħu trodd ħajr lil Alla għal tant ġid spiritwali li ġabet magħha il-Missjoni permezz tal-kelma t'Alla u s-sagramenti. Huwa temm l-omelija tiegħu billi fakkar li fid-djoċesi kien qiegħed jiġi ċċelebrat ukoll "Jum il-Ħajja" bl-iskop li jitwassal lill-insara t-tagħlim tal-Knisja dwar il-ħajja umana mit-tnissil sal-mewt u l-importanza li tiġi mħarsa minn dak kollu li qiegħed jheddidha.

### *Festa ta' Sant' Anton Abbati fix-Xagħra*

Nhar il-Ħadd 19 ta' Jannar 2003 fil-Knisja ta' Sant Anton Abbati fix-Xagħra saret il-festa ta' Sant' Anton Abbati u t-tberik tradizzjonali tal-annimali li sar fil-pjazza ta' Sant' Anton. Qabel il-funzjoni tat-tberik tal-annimali saret Quddiesa Konċelebrata immexxija minn Mons Vigarju Giovanni Gauci fil-Knisja Parrokkjali, minn fejn ukoll bdiet il-purċissjoni l-istatwa tal-qaddis. Mons Vigarju Giovanni Gauci fl-omelija tiegħu tkellem dwar is-sejħa għall-qdusija kif mfissra tant tajjeb fid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II. Huwa qal li flimkien mal-martri li xerrdu demmhom għal Kristu hemm ukoll dawk li nsejħulhom il-martri il-bojod, li fiż-żmien tal-persekuzzjoni u wara l-persekuzzjoni bħal fil-każ ta' Sant' Anton offrew ħajjithom lil Alla fit-talb u l-penitenza fid-deżert.

### *Servizz Ekumeniku fl-Ottavarju ta' Talb*

Fil-parroċċa tal-Fontana, nhar l-Erbgħa 22 ta' Jannar, il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex organizza ċelebrazzjoni ekumenika fl-okkażjoni ta' l-Ottava ta' Talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes Insara. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet preseduta miċ-*Chaplain* tal-komunita` Anglikana f'Għawdex flimkien mal-Vigarju Ġenerali Mons Giovanni Bosco bħala r-rappreżentant ta' l-Isqof. Matul din iċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma ta s-sehem tiegħu l-*Chorus Urbanus*. Waqt l-funzjoni l-Vigarju qara l-messaġġ ta' l-Isqof għal din l-okkażjoni. Ta s-sehem tiegħu ukoll il-Kappillan ta' l-istess parroċċa, l-Kan Dun Ġorġ Bezzina.

### *Żjara tal-Kardinal Geraldo Majella Agnelo, Primat tal-Brażil*

Il-Kardinal Geraldo Majella mill-Brażil, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2003 iċċelebra quddiesa solenni fl-okkażjoni tal-Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl fil-knisja parrokjali tal-Munxar flimkien ma' diversi saċerdoti, fosthom Mons Ġużeppi Agius, missjunarju mill-Munxar fil-Brażil. Fl-omelija tiegħu l-Kardinal awgura sabiex kulħadd ikollu l-fidi li kellu San Pawl għall-fidi nisranija. Wara sar il-ftuħ u t-tberik ta' kamra tat-talb taħt il-presbiterju tal-knisja parrokkjali. Il-Ħamis 23 ta' Jannar fl-istess knisja l-Kardinal mexxa konferenza għas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi impenjati u tkellem dwar is-suġġett "Lejn Liturġija iktar ħajja". Il-Kardinal mexxa ukoll Konċelebrazzjoni fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat.

### *Festa ta' San Franġisk De Sales, Patrun tal-Ġurnalisti Kattoliċi*

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2003, Mons Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu`, Victoria, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales patrun tal-ġurnalisti. F'din l-okkażjoni Mons Isqof semma l-ħtieġa li l-verita` tkun il-kriterju ewlieni li bih titmexxa l-ħidma tal-ġurnalisti.

Huma għandhom bl-onesta` jfittxu li jikkomunikawha lill-oħrajn. Flimkien ma' l-Isqof qaddsu xi saċerdoti li jaħdmu fil-qasam tal-ġurnaliżmu nisrani f'Għawdex.

### Tqassim tal-Vanġelu lill-Istudenti tal-Iskejjel Sekondarji

Mons Isqof, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Biblika Djoċesana, mexxa ċelebrazzjoni tal-Kelma u qassam kopji tal-Bibbja lill-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji Ninu Cremona u Agius de Soldanis, nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar. Fis-7 ta' Frar l-Isqof iċċelebra quddiesa fl-iskola tal-Konservatorju u qassam ukoll kopji tal-Bibbja lill-istudenti tal-Form 1, fl-iskola sekondarja ġdida ta' l-istess Konservatorju.

### Jum ir-Reliġjużi għall-Persuni Kkonsagrati fl-Ordnijiet Reliġjużi

Għall-okkażjoni tal-Jum Mondjali ddedikat lill-ħajja ikkonsagrata, Mons Isqof Nikol Cauchi nhar il-Ħadd 2 ta' Frar, mexxa konċelebrazzjoni fil-Katidral li għaliha kienu preżenti r-reliġjużi rġiel u nisa. Fl-omelija tiegħu Mons Isqof qal li bħalma l-Madonna ressqet lil Binha għall-preżentazzjoni, hekk ukoll l-erwieħ ikkonsagrati jippreżentaw lilhom infushom lil Alla bħala offerta. L-insara għandhom iħossuhom fid-dmir li jitolbu għall-erwieħ u għall-vokazzjonijiet.



### San Ġwann Bosco, Patrun taż-Żgħażagħ, fl-Oratorju u għand is-Sorijiet Salesjani

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Bosco, nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar, Mons Isqof qaddes fil-kappella tas-Sorijiet Salesjani, Victoria. Għal din il-quddiesa kien hemm preżenti t-tfal u t-tfajliet li jiffrekwentaw dan il-post. Mons. Isqof fl-omelija tkellem fuq il-ħajja u l-valuri nsara ta' San Ġwann Bosco.
Imbagħad nhar il-Ħadd 2 ta' Frar, fl-Oratorju Don Bosco ġiet iċċelebrata l-festa tal-qaddis patrun taż-żgħażagħ, San Ġwann Bosco. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata flimkien mas-saċerdoti li jaħdmu f'dan iċ-ċentru. Filgħaxija saret quddiesa ċċelebrata minn Mons Ġużeppi Farrugia, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Anke f'diversi parroċċi tfakkar kif jixraq dan il-qaddis patrun taż-żgħażagħ.



### Tberik tat-Trabi fil-Festa tal-Kandlora

Nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar 2003, fis-Santwarju ta' Pinu Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi, mexxa quddiesa konċelebrata li fiha saret il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna fl-okkażjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.
Fl-omelija tiegħu Mons Isqof qal li meta Ġesu kellu 40 jum il-ġenituri tiegħu ħaduh fit-Tempju ta' Ġerusalemm biex jippreżentawh lil Alla skond il-liġi ta' Mose`. Mons Isqof fakkar mill-ġdid lill-ġenituri li huma diġa ppreżentaw lil uliedhom lil Alla fil-magħmudija meta huma saru nsara, ingħaqdu ma' Kristu u daħlu fil-Knisja tiegħu. Issa f'din l-okażjoni għal darba oħra l-ġenituri ppreżentaw lill-uliedhom lil Verġni Mbierka, biex kif hija ħabbet lil binha, edukatu u ħarsitu, hekk hija tħares lil dawn it-trabi. Mons Isqof temm jgħid li huwa importanti ħafna li l-ġenituri insara jieħdu ħsieb ta' uliedhom, u jgħallmuhom il-liġi nisranija biex iħarsu l-kmandamenti t'Alla.

### Tiġdid ta' l-Istqarrija tal-Fidi nhar San Pawl fil-Munxar

Fil-festa tal-Magħmudija ta' Malta Kattolika (Festa ta' San Pawl Nawfragu), nhar it-Tnejn 10 ta' Frar, Mons Isqof mexxa Quddiesa Konċelebrata fil-parroċċa tal-Munxar li fiha saret ukoll il-professjoni tal-fidi nisranija. Fl-omelija tiegħu Mons Isqof tkellem dwar l-importanza tal-ħarsien tal-valuri nsara u qal li għandhom jittieħdu l-passi kollha possibbli sabiex ma jsir xejn li jista' jtebba' l-morali nisranija.

### Jum il-Morda

Nhar il-Ħadd 9 ta' Frar, 2003 fis-Santwarju ta' Pinu saret quddiesa mmexxija minn Mons Isqof biex tfakkar il-Jum Mondjali ta' Talb għall-Morda u li fiha ħadu sehem ukoll il-persuni bi bżonnijiet speċjali. Matul il-ġurnata l-Uffiċċju tal-Promozzjoni Umana fi ħdan il-Kurja tal-Isqof organizza żjajjar lill-morda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u postijiet oħra. Mons Isqof għamel iż-żjajjar tiegħu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex nhar il-Ġimgħa 14 ta' Frar.




Lelio Spiteri

### Premju Familja Qalb tad-Deheb




Dan il-premju mogħti mill-Moviment ta' Kana-Ċentru t'Għawdex-intrebaħ mill-familja Mercieca minn Kerċem. Is-serata ta' l-għoti tal-premju ttellgħet fil-Lukanda Ta' Ċenċ nhar is-Sibt 18 ta' Jannar filgħaxija. Din hija t-32 sena li dan il-Moviment organizza dan il-premju. Il-familja Mercieca matul dawn l-aħħar għaxar snin, għaddiet minn problemi u diffikultajiet kbar. Għal din is-serata attenda fost oħrajn il-Fundatur tal-Moviment ta' Kana Mons. Charles G. Vella. L-*ispeaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti Anton Tabone f'isem il-Moviment ta' Kana f'Għawdex ippreżentalu tifkira bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu b'risq il-familji Maltin u Għawdxin. Min-naħa tiegħu, Mons. Vella ippreżenta għotja ta' flus lill-Moviment u ikona bi xbieha tal-familja ta' Nażaret. Is-serata kienet imżewqa minn siltiet korali mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni taí Mro. John Galea. Il-prezentazzjoni tal-Premju Qalb tad-Deheb lill-familja rebbieħa sar mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono fl-assenza tal-President ta' Malta li kien indispost.

### Iżżur iċ-Ċentru Operattiv il-Ġdid tal-BOV fil-Belt Vittorja



Il-Ministru għal Għawdex għamlet żjara uffiċjali fiċ-Ċentru Operattiv il-ġdid tal-BOV fi Pjazza Indipendenza, Victoria, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar. Fiċ-ċentru jaħdmu erbgħa u għoxrin impjegat Għawdxi mmexxija mis-Sur Toni Farrugia, *manager* taċ-ċentru. Is-sur Joseph F. X. Zahra, *chairman* tal-bank, qal li huwa kuntent bil-livell ta' xogħol li qed isir f'dan iċ-ċentru.

## *Għotja għal Skop Edukattiv*



Iċ-*chairman* tal-*Bank of Valletta* Joseph F.X. Zahra nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar ippreżenta donazzjoni ta' Lm500 lil Mrs. Rose Mifsud li ħadet l-inizjattiva li titlob *sponsor* għall-mudelli li juru l-fażijiet differenti tat-twelid tat-tarbija. Dawn il-mudelli ser jintużaw waqt il-*Parent Craft Sessions* li jsiru regolarment fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għal dawk li ser isiru ommijiet. Dawn il-mudelli ser jintużaw ukoll mill-istudenti li jattendu l-isptar għas-sessjonijiet ta' prattika. Preżenti kien hemm Dr. Anthony Livori, Supretendent ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u l-Ministru għal Għawdex.

## *Rinnovata Sala f'Mużew Arkeoloġiku*

Is-sala ewlenija fil-Mużew ta' l-Arkeologija tinsab miftuħa mill-ġdid wara li saru xogħlijiet kemm strutturali kif ukoll ta' tisbiħ. Is-sala li tkopri għadd ta' fdalijiet ta' żmien il-Puniċi u r-Rumani, ilha magħluqa għall-pubbliku għal diversi xhur. Wara li saru xogħlijiet strutturali fuq il-bejt tas-sala, kienet stallata sistema ġdida u moderna ta' l-elettriku u kienu riorganizzati wkoll l-esebiti f'din is-sala.

## *Tberik tal-Annimali - Ċelebrazzjoni tradizzjonali fil-Festa ta' Sant'Anton Abbati*

Il-Ħadd 19 ta' Jannar kienet il-festa ta' Sant'Anton Abbati li ġiet iċċelebrata fil-knisja ddedikata lil dan il-qaddis fix-Xagħra. Filgħodu nżammet wirja tal-klieb u ta' l-għasafar. Dawn kienu organizzati mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra. Wara l-purċissjoni filgħaxija, tbierku ħafna annimali minn Mons. John B. Gauci Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija, assistit mir-Rettur il-Kan. Dun Ġwann Sultana.





## "Dimensions of the Soul" - wirja artistika



Christopher Saliba esebixxa x-xogħlijiet artistiċi tiegħu f'wirja li ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex fit-3 ta' Frar. Il-wirja saret fil-*Banca Giuratale* Pjazza Indipendenza, Victoria u baqgħet miftuħa sas-Sibt 15 ta' Frar.



## Jum is-Siġar

Dan il-jum ġie mfakkar il-Ġimgħa 7 ta' Frar permezz ta' taħwil ta' siġar fi Triq San Anard, Xewkija. Iċ-ċerimonja saret bil-parteċipazzjoni ta' l-istudenti ta' l-iskola primarja tax-Xewkija li qraw poeżiji u *essays* dwar is-siġar. L-attivita` saret fil-*belveder* il-ġdid li nbena mill-Ministeru għal Għawdex. Waqt l-attivita`, minbarra li tħawlu siġar fil-*belveder*, ġew imqassma kotba u pjanti lill-istudenti preżenti kif ukoll elf u erba' mitt siġra lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex, u madwar mija u ħamsin siġra oħra fost l-iskejjel ta' Għawdex. Waqt din l-attivita`, tkellmu l-Ministru għal Għawdex u s-sindku tax-Xewkija. Preżenti għall-attivita` kien hemm ukoll id-direttur għal Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, Joseph A. Portelli u ċ-*Chairman* tal-Kumitat għat-Titjib ta' l-Ambjent f'Għawdex, Paul Camilleri.

## Għajnuna Finanzjarja





Il-Ministru għal Għawdex qassmet għotjiet li jammontaw għal LM16,500 f'inċentivi lill-Għaqdiet Non-Governattivi f'Għawdex il-Ġimgħa 7 ta' Frar. Din is-sena, l-għaqdiet mhux governattivi Għawdxin ippreżentaw 108 proġetti għall-kunsiderazzjoni ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern, minn liema 97 proġett ġew magħżula u bbenefikaw mill-fondi. Barra dawn il-flus, ġew imqassma flus oħra lil dawk li ħadu inizjattivi kulturali f'Għawdex, fosthom baned, korijiet u artisti. Tqassmu wkoll il-premijiet marbuta mal-kompetizzjonijiet tal-Milied 2002. Tqassmu wkoll flus lil disa' baned u lill-kompetituri tal-Karnival 2003 bħala *advanced money*.

## Nomini ta' Kandidati għall-Elezzjonijiet ta' Tliet Kunsilli Lokali

Il-Kummissjoni Elettorali rċeviet tnejn u għoxrin nomina minn kandidati Għawdxin biex jikkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fit-8 ta' Marzu. F'Għawdex ser isiru elezzjonijiet lokali f'Victoria, fl-Għarb u f'Ta' Sannat. Għar-Rabat kienu nnominati disa' kandidati u minn dawn iridu jitilgħu sebgħa. Fl-Għarb qed jikkontestaw seba' kandidati li minnhom iridu jiġu eletti ħamsa. F'Sannat iridu jiġu eletti ħames kunsillieri mis-sitt nominazzjonijiet li ntefgħu.




### *Muntanja msemmija għall-Papa*

Muntanja fis-*South Pole* ġiet uffiċjalment imsemmija għal Ġwanni Pawlu II. Hi għolja 1,110 metru u f'Jannar li għadda tela' fuqha Mons. Liberio Andreatta, amministratur ta' l-*Opera Romana Pellegrinaggi*. Hu ħa miegħu salib f'isem il-Papa nnifsu. L-ispedizzjoni, li kienet tinkludi Taljani li jixxabtu mal-muntanji, iċċelebrat quddiesa fuq il-quċċata. Il-President Taljan Carlo Areglio. Ciampi bagħat messaġġ ta' awguri.

### *Dehriet tal-Madonna : veri jew le?*

Bi tweġiba għall-għadd kbir ta' allegazzjonijiet ta' apparizzjonijiet tal-Madonna u "rivelazzjonijiet privati" oħra li ġew rapportati, il-Vatikan qed iħejji linji-gwida ġodda biex jgħinu lill-isqfijiet jiġġudikaw dawn il-fenomeni u f'ċerti każi irażżnu l-entużjażmu tas-segwaċi.

Uffiċjali tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi qalu li kienu qed jaġġornaw sett ta' linji-gwida ta' 25 sena ilu, minħabba riskji ġodda u l-bżonn ta' ċarezza dottrinali akbar.

### *Statistiċi tal-Attvitajiet Kattoliċi fl-Amerika*

Mis-*Source Book* tal-Konferenza ta' l-Isqfijiet ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal din is-sena, joħroġ biċ-ċar x'kontribut kbir qed tagħti lill-pajjiż il-Knisja Kattolika li fiha 65,270,444 ruħ, jiġifieri 23 fil-mija tal-popolazzjoni amerikana.

Fl-iskejjel u l-kulleġġi kattoliċi, hemm 3,391,581 studenti; 82,395,935 pazjenti huma trattati fl-isptarijiet kattoliċi; 5,811,381 pazjenti huma trattati f'istituzzjonijiet kattoliċi tas-saħħa; u 7,017,845 ruħ fil-bżonn huma mgħejjuna mill-organizzazjoniet kattoliċi tal-karita`.

### *Inqas minn wieħed fil-mija ta' saċerdoti amerikani li abbużaw mit-tfal*

F'intervista lir-Radju Vatikan, l-Arċisqof Julian Herranz, president tal-Kunsill tat-Testi Leġislattivi, fost l-oħrajn ġie mistoqsi dwar il-problema delikata tal-qassisin Amerikani akkużati b'abbużi sesswali. Wieġeb li fil-liġi universali tal-Knisja, diġa` hemm mezzi għal soluzzjoni ġusta. Din tfisser li d-drittijiet ta' kulħadd – l-ewwelnett tal-vittmi – għandhom jitħarsu; it-tieni, id-drittijiet tar-ragħajja tal-komunitajiet li huma effettwati minn dawn ir-reati terribbli, kif ukoll id-drittijiet ta' dawk akkużati.

Imbagħad jeħtieġu tliet affarijiet: il-veraċita` tal-ġrajjiet trid tiġi pprovata, għax l-akkużi jistgħu ikunu wkoll foloz; tiġi verifikata l-ħtija tal-persuni; jiġi assigurat id-dritt ta' difiża permezz ta' prosekuzzjoni ġusta. Dawn diġa' jinsabu fil-liġi proċedurali tal-Knisja, li fiha wkoll sanzjoni kontra dan ir-reat orribbli, li hi l-agħar sanzjoni li tista' tiġi mposta fuq kjeriku: ir-riżenja mill-istat klerikali. Din in-norma tinsab mhux biss fil-Kodiċi li ġie promulgat 20 sena ilu, iżda wkoll f'liġijiet preċedenti tal-Knisja. Għal sekli sħaħ, il-Knisja qatt ma ttollerat dawn is-sitwazzjonijiet ta' skandlu sesswali mill-kleru.

Herranz qal ukoll li dawn ir-reati, li tant huma diskussi fil-*media*, jirreferu għal perċentwal tassew minimu ta' qassisin. Fl-Istati Uniti, per eżempju, ma jilħaqx il-wieħed fil-mija.

### *Fil-Messiku l-inkwiet politiku mhux tort tal-Insara*

Uffiċjali tal-Knisja qalu li mewġa ta' vjolenza fuq il-muntanji fin-nofsinhar tal-pajjiż m'għandhiex x'taqsam mat-tensjonijiet reliġjużi bejn il-Kattoliċi u l-Protestanti, iżda hi r-riżultat ta' faqar, kriminalita` organizzata u l-qawwa ta' mexxejja tal-gwerra lokali. L-Avukat Federali qal lill-*media* li l-kunflitt kellu oriġini reliġjuż iżda ma kienx bejn kattoliċi u Protestanti. Pero`, skond l-Isqof F. A. Esquivel ta' San *Cristobal de Las Casas*, il-vjolenza ma kinitx kawżata minn motivi reliġjużi, iżda minn motivi oħra.

Għandek xi tip ta' propjeta` għall-bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Frangisk Victoria - Gozo Tel 21553960 - 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt www.debrincat.com.mt*




## Fil-Port ta' l-Imġarr x'qed jiġri?

Dan l-aħħar fil-port ta' l-Imġarr qed isiru tibdiliet kbar. Ta' min ifaħħar din l-inizjattiva li qed tipprova timmodernizza u tipprovdi aktar is-sigurtà billi tifred id-dħul u l-ħruġ tal-passiġġieri minn dak tal-karozzi. Pero` wieħed jistaqsi; Din is-sistema kollha ser tiffaċilita jew ser iżżomm lura l-effiċjenza li biha kienu jitilgħu u jinżlu l-karozzi minn ġol-vapur? U għaliex is-sistema l-ġdida tal-biljetti ma tippermettix ix-xiri minn postijiet oħra? Niftakru li preżentament, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-karozzi, hawn ħafna skomdu u tgergir - forsi qegħdin nistennew lil xi ħadd jitilgħulu bil-kbir!



## L-MCAST f'Għawdex

Sa fejn naf jien, ma jidhirlix li deher fil-pubbliku l-ftehim li għamlu l-Ministeri ta' l-Edukazzjoni u dak għal Għawdex biex inħoloq iċ-Ċentru ta' l-MCAST ix-Xagħra. Ma nafx tħallietx pendenti l-kwistjoni liema partijiet tal-kumpless ma humiex taħt il-kontroll ta' l-Iskola Primarja. Per eżempju, intqal li hemm xi diżgwid dwar l-użu tas-sala. Lanqas nafu x'kontroll jista' jsir biex it-tfal żgħar ma jitħalltux ma' l-istudenti (li jinkludu adulti). Mhux ta' min jinsa li s-separazzjoni ta' l-etajiet kienet raġuni prinċipali li wasslet għad-deċiżjoni (dak iż-żmien diffiċli) li jinqasam il-Kumpless Ninu Cremona u tinħoloq l-Iskola Post-Sekondarja M.A. Refalo. Din ta' l-aħħar, issa bit-titlu ta' Ċentru għal Studji Ogħla, ftit ftit qegħda tiżżarma - bla ħsieb kif jitkomplew jintużaw bil-għaqal ir-riżorsi eżistenti (inklużi dawk umani). Għax jidher li dalwaqt se tkun limitata biss għall-kors tal-MATSEC.

Biex inkompli fuq l-MCAST, jidher li l-mod kif qegħdin jiġu ttrattati għalliema u studenti jvarja skond l-Istitut. Ma naħsibx li hekk sewwa: hemm bżonn niggarantixxu li ma jkollniex distinzjonijiet. Allura ta' min jirrepeti li r-realtà għawdxija jrid ikollha leħen fid-deċiżjonijiet (anki f'dak li jirrigwarda l-għażla ta' x'korsijiet jiftħu). Għax, anki mingħajr intenzjoni ħażina, nistgħu naslu għal konsegwenzi negattivi.

Mhux bilfors li l-Maltin jafu kollox dwar is-sitwazzjoni tagħna! Din l-"injoranza" (fis-sens etimoloġiku u mhux dispregjattiv) dehret fid-deskrizzjoni ta' xi korsijiet bħala "ġodda", meta kienu ġa jeżistu u sempliċement twaqqfu mis-sistema pubbliku biex ġew trasferiti! Nittama li nibqgħu attenti biex il-ħolqien ta' dan iċ-Ċentru jħalli effetti pożitivi, mhux aktar taħwid.

## Xogħol lejn Għawdex mill-B.O.V.

Ma donniex apprezzajna biżżejjed l-importanza tal-ftuħ ta' l-uffiċċju għall-*backoffice work* mill-*Bank of Valletta* fiċ-ċentru tar-Rabat. Barra li ntuża l-ispazju li fih kien in-*National Bank*, inġiebu l-impjegati kollha li xtaqu jirritornaw f'Għawdex.

Dan jikkonferma li, minħabba s-sistemi elettroniċi moderni, jista' jinħoloq ħafna xogħol f'Għawdex stess li mhux għas-suq (limitatissmu) ta' din id-daqsxejn ta' gżira. B'hekk ikompli jonqos il-bżonn li ż-żgħażagħ Għawdxin ikollhom - għall-istudju jew l-ewwel impjieg - li jinfirdu mill-familja qabel il-Maltin ta' mparhom.

U għad hemm fejn nużawhom iktar dawn l-opportunitajiet (inkluża l-*videoconferencing*). Per eżempju nemmen li nistgħu nibnu ċentru qawwi ta' servizzi f'dawn l-oqsma (permezz, kif ġie spjegat anke waqt is-seminar organizzat mill-GUG, ta' *IT Skills Clearing Office*).

## *Ritratt ... b'mistoqsija!*



***Min għandu l-kontroll fuq il- "parking" bl-addoċċ ta' biċċiet tal-baħar (u mhux!) fit-triq dejqa li tagħti għaż-Żewwieqa? Il-"wardens" hawnekk ma jagħtux "tickets" fuq żgumbrar permanenti? Jew din "parking lot" ta' kollox?***

### *It-Toroq... x'konsolazzjoni!*

L-istat (kemm il-gvern ċentrali u kemm permezz tal-kunsilli lokali) jonfoq il-miljuni għall-manutensjoni tat-toroq.Xi drabi nieħu l-impressjoni li qed "insewwu l-pannu bil-qara' aħmar", għax mill-ewwel jerġgħu jibdew jitfaċċaw ħofor u ħotob! U diversi dipartimenti u korporazzjonijiet jagħtu sehemhom bi trinek bla pjan serju jew koordinament! Toroq oħra jmutu qabel ma jitwieldu. It-trejqa dejqa li tieħu għal taħt t-*Terminus* minn Putirjal se tibqa' f'dan l-istat miżeru sa x'ħin jitlesta l-proġett il-ġdid (li mank nafu meta - u jekk - jinbediex!)? Niftakru li twassal anki għall-Ġonna *Rundle*, u tilwi ganċ għal ġol-*Parking*!

### *It-Trasport Pubbliku... soluzzjoni?*

Jintefqu somom kbar ukoll biex jinħolqu triqat ġodda u spazji għall-ipparkjar. Iżda donnu jkun kollu ta' xejn: għandu jkun teżisti liġi naturali li twassal li mkien ma jista' jibqa' bla ma jimtela! Għandi bħal konvinzjoni li s-soluzzjoni rridu nsibuha f'titjib fis-servizz tat-trasport pubbliku - u dan naslu għalih permezz ta' ideat ġodda, permezz ta' (biex nuża l-espressjoni tal-Professur Edward De Bono) "ħsieb laterali".

Per eżempju hu ovvju li l-biċċa l-kbira tal-karozzi pparkjati filgħodu r-Rabat huma ta' ħaddiema li jidħlu u joħorġu f'ħinijiet stabbiliti. Forsi jħossuhom moqdija jekk isibu mezz ieħor komdu: prattiku u bi prezz raġjonevoli. X'ngħidu għal *minibuses* iduru ma' l-irħula li jwasslu (skond il-popolazzjoni) jew għal xarabanks kbar fiċ-ċentru jew dirett għar-Rabat? Ġie li qrajt b'soluzzjonijiet simili barra minn Malta: instabu, b'sussidju b'kollox, irħas mill-imgħax fuq in-nefqa kapitali alternattiva. Dan l-effett kompla jissaħħaħ meta tražżan il-monopolju u anki ddaħħlet xi tip ta' kompetizzjoni.

Jeżistu ukoll possibilitajiet fiskali li jgħenuna nibdlu drawwiet li ma humiex għal kollox loġiċi. Nagħlaq b'dan: trasport pubbliku loġiku jista' jnaqqas ir-rabja (u *road rage)* li ħafna jaslu biha fuq ix-xogħol u lura d-dar!



L-INTERVISTA

# Sorijiet Klarissi Għawdxin

Dun Eddie Zammit jintervista lil Madre Rose Ellis tas-Sorijiet Klarissi ta' San Ġiljan, komunità tas-sorijiet kontemplattivi li tilqa' fiha 10 sorijiet Għawdxin

***1. Madre, intom magħrufa bħala s-Sorijiet klarissi. Intom timxu fuq spiritwalità franġiskana. Tista' tagħtina ħjiel fil-qosor tal-istorja tal-ordni tagħkom?***



Bħala sorijiet Klarissi aħna qed ngħixu r-regola ta' Santa Klara. Il-kelma Klarissi ġejja mill-isem Klara. Santa Klara kienet kontemporanja ta' San Franġisk, b'differenza ta' 12-il-sena bejniethom. Hu twieled fl-1181 u hi twieldet fl-1193 ġewwa l-belt t'Assisi. San Franġisk ħalla d-dar ta' missieru sabiex iħaddan il-ħajja evanġelika. Klara riedet tagħmel bħalu u timxi wara Kristu fqir. Kien Ħadd il-Palm tal-1211 meta Klara ħarbet mid-dar għax kienet ċerta li l-ġenituri tagħha ser jopponulha u marret ġewwa l-knisja ċkejkna tal-Porziunkula fejn San Franġisk qatgħalha x-xagħar u libbisha libsa bħal tiegħu. F'idejh, Santa Klara għamlet il-wegħdiet tagħha ta' ubbidjenza, faqar u kastità. Wara li lesta jsewwi l-kunvent ta' San Damjan, San Franġisk bgħatha tgħix hemm, fejn qattgħet 42 sena fil-ferħ u l-qadi tal-imħabba t'Alla. Mietet ta' 60 sena fl-1253. Tfajliet nobbli u mhumiex, marru jingħaqdu magħha u s-Sorijiet Klarissi bdew jixterdu barra mill-Italja. Illum l-Ordni tal-Klarissi jgħodd 20,000 soru mxerrdin mad-dinja kollha.

***2. B'differenza tal-komunitajiet ta'reliġjużi oħrajn, intom għandkom is-sejħa tal-kontemplazzjoni li magħha tingħaqad il-klawsura, jiġifieri intom marbutin li ma toħorġux barra mill-kunvent jekk mhux għal bżonn kbir. X'hemm partikulari fil-kariżma tagħkom, u kemm tħoss li għadha attwali s-sejħa tagħkom fid-dinja tal-lum?***




Iva, l-Mulej lilna sejħilna sabiex ngħixu 'l bogħod mid-dinja u dan mhux biex naħsbu għall-qdusija tagħna biss. Jekk aħna rtirajna mid-dinja dan għamilnih, sabiex insiru rigal għad-dinja. Dan ma jfissirx li qegħdin għarkubbtejna l-ħin kollu, iżda kollox huwa orjentat għat-tfittxija t'Alla. Fil-ħajja tagħna hemm bilanċ sabiħ ta' talb, ħidma u mistrieħ. Infittxu li ngħixu fil-preżenza t'Alla l-ħin kollu sew jekk inkunu fil-kappella għat-talb, sew jekk inkunu naħdmu jew nistrieħu.

Dak li jagħmilna differenti minn sorijiet oħra hi n-nota tas-sempliċità li timmarkana u tbegħdna minn kulma hu żejjed jew lussuż, infittxu li nħarsu lejn Kristu fqir tal-

Evanġelju kif theġġigna Santa Kljara: "Ħarsu lejH, immeditawH, ikkontemplawH u nbidlu fiH".

Iktar minn qatt qabel, is-sejħa tagħna għadha attwali. F'dinja li qed twarrab lil Alla u tfittex li tgħix mingħajru, il-ħajja tagħna turi l-primat u l-eżistenza tiegħu. Il-ħajja tagħna turi ukoll li Hu biss il-għajn ta' kull ferħ u paċi. Li tgħix mingħajr Alla u 'l bogħod minnu jfisser li tgħix fil-miżerja.

***3. X'inhu l-programm tal-ħajja tagħkom? Barra mit-talb u l-kontemplazzjoni ikollkom mumenti ta' mistrieħ u rikreazzjoni flimkien? Kif tħarsu lejn id-dinja barra mill-kunvent tagħkom?***

Aħna ngħixu ħajja normali bħal kulħadd. Inqumu fil-5.15a.m. u l-Komunità tinġabar għall-kant tal-Uffiċċju Divin fis-6.00a.m. fejn bis-Salmi nfaħħru lil Alla u nirringrazzjawH. Fis-6.30a.m. ikollna l-quddiesa u wara nibqgħu sejrin bit-talb ta' adorazzjoni fis-skiet quddiem Gesù Sagramentat sat-8.00a.m. Hemm inħobbuh u nħalluh iħobbna. Wara nieħdu l-kafè u kulħadd imur fuq ix-xogħol tiegħu: min imur fil-ġnien, min fil-kċina, ħjata, pittura, rakkmu, xogħol tal-kitba, kura tal-morda ecc., kull waħda skond id-don partikulari tagħha. Fil-11.30a.m. ninġabru għar-Rużarju u wara jkollna nofs siegħa ta' studju fuq l-Iskrittura (*Lectio Divina*). Nerġgħu nfaħħru lil Alla bit-tifħir ta' Nofs il-Jum u wara mmorru għall-ikel. Wara l-ħasil tal-platti, ikun hemm siegħa mistrieħ. Fit-3.00p.m. inkomplu x-xogħol tagħna u fl-4.00p.m. ninġabru għar-rikreazzjoni. Fil-5.00p.m. isir il-kant ta' Tifħir ta' filgħaxija (l-Għasar) u nerġgħu nagħmlu l-adorazzjoni quddiem Gesù Ewkaristija espost solennament. Wara l-ikel ta' filgħaxija ninġabru għall-aħħar talba tal-kumpieta u fid-9.30p.m. kulħadd jinġabar fil-kamra tiegħu għall-irqad.

Id-dinja għalina hija l-familja tagħna. Ninteressaw ħafna ruħna dwar x'ikun għaddej fid-dinja sabiex inressquh quddiem Alla fit-talb tagħna. Dwar l-aħbarijiet ninfurmaw ruħna permezz tal-gazzetti lokali, u anke rivisti li nirċievu minn barra.

***4. Intom tagħtu ħafna mportanza lit-talb kif ukoll lis-silenzju fil-ħajja tagħkom ta' kuljum. Kif tħarsu lejhom dawn il-mumenti?***

Kull waħda minna li ġiet hawn b'ispirazzjoni divina tapprezza ħafna l-mumenti ta' talb li matulhom issaħħaħ ir-rapport tagħha mal-Mulej li sejħilha sabiex tkun tiegħu. Fis-skiet tal-qalb tagħna nisimgħuh jgħidilna: "Inti tiegħi", u fis-skiet u matul il-ħin tat-talb nagħtuh iċ-ċans li jkellimna u jagħmilna iktar tiegħu.

***5. Il-preżenza tagħkom f'Malta ma tmurx lura ħafna snin. Kif kien il-bidu tal-komunita` tal-Klarissi f'Malta?***

Is-Sorijiet Klarissi ġew Malta fl-1914 fl-Ewwel Gwerra Dinjija meta l-komunità Franċiża tas-Sorijiet Klarissi li kienu jgħixu ġewwa Nazareth kienu mkeċċija mal-Franċiżi kollha u spiċċaw Malta bħala refuġjati. Meta spiċċat il-gwerra, fuq ix-xewqa ta' l-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Mauro Caruana, baqgħu erba' sorijiet







sabiex jagħmlu fondazzjoni. Fil-bidu kienu joqgħodu f'dar żgħira f'Ħaż-Żabbar, imbagħad ġew jgħixu f'San Ġiljan sakemm fl-1935 daħlu f'dan il-monasteru fejn qegħdin, iddedikat lil Ġesù Bambin ta' Praga. Il-monasteru hu rigal ta' ħafna benefatturi li għenu lill-komunità u għadhom jgħinuha. Il-Mulej ibierek il-karità tagħhom u aħna nwegħduhom dejjem it-talb tagħna għalihom u għall-familji tagħhom.



***6. F'dan il-kunvent hemm il-preżenza ta' diversi sorijiet Għawdxin, jekk m'inhix niżbalja kważi terz tal-komunità kollha. Kif nibtet din ir-rabta bejn il-kunvent tagħkom u Għawdex? Minn fejn huma ġejjin is-sorijiet Għawdxin ?***

Fil-kunvent tagħna hawn ġabra ta' Maltin u Għawdxin. B'kollox qegħdin 27 li minnhom 10 huma Għawdxin. Skond l-ispiritwalità tagħna Franġiskana-Klarjana, jispikka fostna l-ispirtu fratern. Għalhekk ma tinħass l-ebda differenza bejnietna. Fostna hawn għaqda li tirrifletti l-preżenza ta' Ġesù fostna.

Jiena kont l-ewwel Għawdxija li ngħaqadt mas-sorijiet Klarissi wara l-Konċilju. Dan kien fl-1967 u kien permezz ta' Mons. Rosario Borġ li kien qalli bihom wara li kien ġie jżurhom. Warajja, bil-għajnuna tiegħu u ta' diversi saċerdoti oħra, daħlu d-disgħa l-oħra.

Is-sorijiet Għawdxin ġejjin: 2 mir-Rabat, 3 mix-Xewkija, 1 mill-Fontana, 1 mill-Għarb, 1 minn San Lawrenz, 1 min-Nadur, 1 mill-Qala.





***7. Din is-sena qegħdin tiċċelebraw festi ċentenarji b'konnessjoni ma' Santa Klara. X'messaġġ tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna, speċjalment ma' dawk li xi darba jistgħu jħossu s-sejħa għal din il-ħajja ta' talb u kontemplazzjoni?***

Iva, din is-sena ser infakkru is-750 sena mill-mewt ta' Santa Klara fl-1253. Iċ-Ċentinarju ser jibda f'Ħadd il-Palm, dak in-nhar li Santa Klara ħarbet mid-dar sabiex tmur tingħaqad ma' San Franġisk u tibda l-ħajja evanġelika fil-kunvent ta' San Damjan ġewwa Assisi.

Lill-għeżież qarrejja ta' "*Il-Ħajja f'Għawdex*", nixtieq inħeġġiġhom sabiex ikomplu jgħixu d-don tal-fidi minkejja l-isfidi kollha tad-dinja materjalista u moderna li qed ngħixu fiha. Il-problemi huma parti mill-ħajja. Huma inevitabbli, iżda bil-għajnuna t'Alla, bil-fidi fil-qawwa tiegħu, jkollna soluzzjoni għal kull inkwiet li jitfaċċa. Inħeġġiġhom sabiex jirrikorru għand Alla, il-Madonna, u jagħtuhom post ċentrali fil-familja tagħhom. Il-ġenituri jgħallmu lil uliedhom jitolbu u jemmnu fil-valur qawwi tat-talb. X'differenza tkun il-ħajja tagħna meta Alla jkun preżenti! Tkunux boloh! Titilfux is-sbuħija tal-fidi nisranija u l-kuraġġ li tagħtina speċjalment fil-mument tal-prova. Tgħallmu ukoll tfaħħru u tirringrazzjaw lil Alla li minnu jaslilna kull ġid. Hekk ikollkom il-barka tiegħu.

Liż-żgħażagħ li l-Mulej qed isejjaħ għalih, nifirħilhom minn qalbi. Mill-esperjenza tiegħi nista' ngħidilhom li f'ħajja ddedikata lil Alla hemm ħafna ferħ u paċi jistennewhom. Nieħu l-okkażjoni li f'każ li xi tfajla tixtieq tipprova l-ħajja tagħna billi tgħaddi xi ġurnata magħna, tista' ċċempel fuq in-numru 21383341 jew tikteb f'dan l-indirizz: Sorijiet Klarissi, Monasteru Santa Klara, Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan, SGN 02.
Il-Paċi tal-Mulej magħkom!

Gozo Courier
Emanuel Grima
Kurrier Ġdid għal kull xorta ta' Trasport minn bieb għal bieb, f'Għawdex u f'Malta.
Yarraville Gardens
Grunju Str. Nadur.
Tel: 21 561228
Mob: 7956 1228

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

# IR-RESPITE CENTRE

## Post ta' Kenn fis-Siegħa tal-Bżonn

Jikteb Dun Manwel Curmi



**Omm intefgħet marida f'qiegħ ta' sodda u m'għandhiex min jeħdilha ħsieb binha li għandu ħtiġijiet speċjali. Omm oħra ddaħħlet malajr malajr l-isptar biex tagħmel operazzjoni urġenti; warajha d-dar ħalliet waħidha lil bintha fis-siġġu tar-roti. Ġenituri oħra ilhom snin twal jerfgħu s-salib tal-mard; jixtiequ jieħdu btala qasira, iżda m'għandhomx min jindokra lil binhom li għandu problemi mentali. Ġenituri oħra jintebħu li xjaħu u jibżgħu minn dik is-siegħa li fiha jkollhom jitilqu għal dejjem u warajhom iħallu waħidhom lil uliedhom bi bżonnijiet speċjali. X'se jsir minnhom l-għeżież tagħhom?!**

Dawn huma realtajiet tal-ħajja. Iseħħu kull siegħa wara bibien magħluqa mingħajr ma nintebħu bihom. X'imkien, dejjem hemm qalb muġugħa, moħħ imħasseb, ruħ iddisprata. Sa ftit taż-żmien ilu, il-moħħ kien jibqa' mtaqqal bil-ħsieb, il-qalb tibqa' mnikkta u l-problema tibqa' problema, anzi tfaqqas problemi oħra. Għall-grazzja t'Alla, ir-*Respite Centre* li nfetaħ f'Għajnsielem, Għawdex sar sewwa sew bil-għan li jelimina, jew ta' lanqas inaqqas, ħafna minn dawn il-problemi li semmejna.

**Mela x'inhu dan iċ-Ċentru? Ir-*Respite Centre* huwa bini modern attrezzat bil-ħtiġijiet biex jipprovdi kenn u mistrieħ 24 siegħa kuljum, lil persuni bi bżonnijiet speċjali u lill-ġenituri tagħhom.** Dan iċ-ċentru huwa opra oħra tal-Knisja f'Għawdex u jitmexxa mill-Fondazzjoni Arka li hija organizzazzjoni non-governattiva. Il-klijenti li jattendu dan iċ-ċentru jħallsu biss kwart tal-ispejjeż involuti. Il-bqija trid tagħmel tajjeb għalihom il-Fondazzjoni Arka permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji minn qlub tajba u permezz ta' attivitajiet li minnhom jinġabru l-flus. Permezz tal-ftehim li ntlaħaq dan l-aħħar bejn il-Fondazzjoni u l-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Ministeru għal Għawdex,



il-gvern ser jissussidja sa massimu ta' Lm 5000 fis-sena lil dawk il-klijenti li ma jistgħux iħallsu.

Il-klijenti jkunu milqugħa u akkomodati f'ambjent sabiħ u familjari, b'*units* u kmamar tas-sodod mgħammra u ddekorati b'mod li jkunu mera u estensjoni tad-dar. L-għamara sabiħa u moderna nħadmet kollha mill-volontiera. Ċerti kmamar fihom saħansitra *kitchenette* biex ikunu moqdija l-ħtiġijiet ta' familja li tista' tkun residenti fiċ-ċentru. Kull kamra tas-sodda hija mgħammra b'kamra tal-banju addattata għal persuni bi ħtiġijiet speċjali, waqt li jeżistu wkoll żewġ kmamar tal-banju b'banjijiet speċjali biex ikunu mħaddma minn dawk il-persuni li ma jkollhomx mobilità biżżejjed f'saqajhom. Iċ-Ċentru kollu hu mgħammar bil-*lift* u bl-arja kondizzjonata.

Waqt iż-żmien ta' residenza fiċ-ċentru, il-kljenti jkunu mħarsa u moqdija minn staff professjonali. Il-kljenti jkunu jistgħu jagħmlu użu wkoll minn *games room, gym* attrezzat b'apparat għal taħriġ speċjalizzat, kif ukoll *pool* kbira u msaħħna, mgħammra wkoll bil-*lift* u ċ-*changing rooms* addattati. Ta' min jgħid ukoll li permezz tal-ftehim li sar mal-gvern, il-Fondazzjoni Arka qed tagħmel disponibbli liċ-Ċentru tat-Taħriġ għall-Adulti f'Għawdex u s-Sannat *Special Unit*, il-*pools*, il-*gym* u l-*multi-sensory room* (meta din tkun lesta), sabiex dawn il-faċilitajiet jintużaw bla ħlas bħala parti mill-programm ta' dawn l-organizzazzjonijiet governattivi, meta dan ma jtellifx ix-xogħol tal-Fondazzjoni.

**Għalhekk, dawk il-persuni bi ħtiġijiet speċjali, kemm Maltin u kemm Għawdxin, li jixtiequ jagħmlu użu miċ-ċentru għal ftit jiem inkella ġimgħat, huma mitluba biex iċemplu r-*Respite Centre* bin-numri 21 565773/4 u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa.**

## *Residenza Permanenti*

Wieħed mis-sulari fir-*Respite Centre* huwa allokat kollu għal residenza permanenti. B'hekk ikun itaffi xi ftit mill-problema ta' x'ser jiġri minn persuna b'diżabilità wara l-mewt tal-ġenituri. Qabel infetaħ iċ-Ċentru, f'Għawdex ma kienx hemm post speċifikament għalhekk.

**Ir-*Respite Centre* qed joffri post għal 16-il ruħ li jridu jibdew jgħixu għal kollox fiċ-Ċentru.** Fil-ftehim li ntlaħaq mal-Ministeru għall-Politika Soċjali u mal-Ministeru għal Għawdex, il-gvern ser jixtri servizz għal sitta min-nies bi tliet livelli differenti ta' sapport. It-talbiet għal servizz residenzjali finanzjat ikunu ikkunsidrati u deċiżi minn kumitat ta' erba' persuni, tnejn nominati mill-Fondazzjoni Arka u tnejn mis-*Supported Living Division* tal-gvern.

**Jibqa' ħdax-il post ieħor għal residenza permanenti u li hemm bosta talbiet għalihom.** Għal dawn il-ħdax-il post trid tagħmel tajjeb il-Fondazzjoni Arka. Hu kkalkolat li biex tissussidjahom, il-Fondazzjoni trid madwar Lm 250 oħra kuljum.

## *Ħtiġijiet Oħra*

Ir-*Respite Centre* nbena fuq art mogħtija b'xejn mill-Knisja. Sewa s-somma ta' Lm300,000. Għalkemm il-post huwa lest u qed jiffunzjona bħala ċentru ta' kenn u mistrieħ, għadu qed jissokta l-iżvilupp fl-*area* ta' madwaru. Ftit xhur ilu kienet inawgurata sala mdaqqsa fejn isiru laqgħat u li tista' tinkera mill-privat għal *coffee mornings* u attivitajiet oħra soċjali, edukattivi, kulturali jew kummerċjali, biex hekk iktar nies joqorbu u jsiru midħla tar-*Respite Centre* u fl-istess ħin jinġabru fondi għal nies bi bżonnijiet speċjali.

Bħalissa qed isir ukoll xogħol biex jiġi rranġat il-ġnien ta' wara ċ-Ċentru. Fih qed jitkabbru wkoll ħxejjex tal-borma li barra li jikkontribwixxu għall-kċina taċ-Ċentru, iservu wkoll ta' terapija għal uħud mill-kljenti. Dejjem skond il-ħtiġijiet u l-ħilijiet tagħhom, il-kljenti jkunu mħeġġa biex imiddu jdejhom u jieħdu ħsieb iż-żrigħ, it-tħawwil, it-tkabbir u l-ġbir ta' dawn il-prodotti.





Qed jiġi żviluppat ukoll *leisure ground* attraenti bis-siġar u l-fjuri fejn ir-residenti jkunu jistgħu joħorġu u jistrieħu ftit għall-arja pura u l-kwiet tar-raħal sabiħ ta' Għajnsielem, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-bajja ta' l-Imġarr. Għadu kemm tlesta ġibjun imdaqqas biex jipprovdi ilma kemm għat-tisqija u biex itaffi ftit mill-ispejjes ta' l-ilma fl-użu ta' *flushings,* eċċ.

**Għalkemm sar u għadu jsir ħafna xogħol bla ħlas mill-volontiera, biex jitmexxa b'mod professjonali u jingħata servizz eċċellenti lill-persuni bi ħtiġijiet speċjali, kellhom jiġu mpjegati persuni *fulltime* u oħrajn *partime* speċjalizzati fil-qasam tagħhom jew inkella li kellhom jingħataw taħriġ speċjali. Dan kollu, flimkien maż-żamma taċ-Ċentru jitlob eluf kbar ta' liri fis-sena**. Il-Fondazzjoni mhix ser taqta' qalbha u hi ddeterminata li tissokta bil-missjoni tagħha. Taf li magħha hemm Alla u l-qalb ġeneruża tal-poplu.

## *Appell*

Imma l-appelli m'għandhom jonqsu qatt, għax minn wara bibien magħluqa hemm qlub imweġġgħa u mnikkta li qed isejħulna biex innewlulhom l-id tal-ħbiberija, biex ngħinuhom itaffu ftit mis-salib tagħhom, biex inweżnuhom ħalli ta' lanqas jgħixu ħajja diċenti. **Kull min jixtieq iżur ir-*Respite Centre*, ikun dejjem milqugħ. Min jixtieq joffri xi siegħa xogħol volontarju, ikun apprezzat ħafna. Min jixtieq jagħmel xi donazzjoni jista' jikkuntattja lil Dun Manwel Curmi, id-Direttur tal-Fondazzjoni Arka, jew jindirizzaha lill-Fondazzjoni, Triq il-Mogħdija, Għajnsielem, Għawdex**, inkella jiddepożitaha fil-kont bankarju li l-fondazzjoni għandha f'xi wieħed mill-banek kummerċjali. Għal kull għotja tingħata irċevuta.

**Il-Fondazzjoni Arka waħidha ma tagħmel xejn. Ilkoll flimkien nagħmlu ħafna. Ir-*Respite Centre* hu proġett ħaj tagħna lkoll, ta' Malta u Għawdex kollu. Hi r-responsabilta' tagħna lkoll bħala umani u bħala nsara li ngħinu b'kull mezz lil min hu inqas ixxurtjat minna**. Meta nserrħu rasna fuq l-imħadda fil-kenn ta' darna, niftakru li hemm qlub li jibqgħu jħabbtu, li hemm imħuħ li ma jistriħux, li hemm min hu mwerwer li għada ma jsibx kenn fuq rasu. U aħna x'ser nagħmlu? Ma nistgħux ma nagħtux każ!

**Where there is wood, there is Milesi**




MILESI
Wood Varnishes

*Sole Agents*
MARIO PORTELLI TRADING
5, St. Joseph Street, Qala
Tel: 21556649 Fax: 21562985 Mobile: 9944 0360

*Vinyard*
**Bar & Restaurant**
Mgarr Road,
Victoria Gozo.



For Reservation and Enquiries
**Tel: 2155 9976**
**Tel/Fax: 2155 6966**

***Caterers***
*for Special Events*
*like*
*Weddings,*
*Engagements,*
*Birthdays,*
*Baptisms,*
*Holy Communion,*
*Confirmation,*
*Staff Parties, etc.*

***Surrounded by mystical Country Side, The Vinyard Hall has a capacity of 200 seating and 60 more seating at the entrance garden***

# Magħżul il-Ġust



*Ġużeppi l-Patrijarka,*
*kif jistgħu ilsna jfaħħru*
*il-virtujiet sbieħ tiegħek,*
*li ġenna jġennu, jsaħħru;*
*minkejja li dawn jafuħ!*

*Ta' qalbek ħelwa w'umli,*
*l'int raġel fuq l-irġiel,*
*safi u ubbidjenti,*
*ġwejjed, m'intix mill-qliel;*
*dan aħna lkoll nafuħ.*

*Nfittxu kelma waħda*
*li l-Bibbja tgħid biss dwarek,*
*li fiha tiġbor kollox...*
*l-inċens ta' fuq altarek*
*jinħaraq għax int ġust.*

*Għas-sagrifiċċju tiegħu,*
*Alla lil Abraham wiegħdu*
*li nislu jkun bħal kwiekeb*
*għalkemm mit-twettieq biegħdu*
*t'offerta hekk qalila;*
*għad illi daqstant tqila,*
*din kienet biss bi prova*
*ta' ftit sigħat, mhux jiem!*

*Xi ngħidu mela għal tiegħek,*
*meta l-Imgħallem riedek*
*tieħu għarusa tqila,*
*bla tagħti kas ta' ġieħek*
*bla ħadd ma jaf kif, 'l għala!*

*Imbagħad x' ngħidu dwar ħajtek,*
*kemm swielek uġieħ qares*
*li verġnita` ta' xbejba*
*għal tul tant snin ridt tħares,*
*flimkien ma' tiegħek bħalha,*
*bla titkaxkar mill-mewġa,*
*għalkemm taħt saqaf wieħed*
*magħduda b'ta' miżżewġa!*

*X'ma tkunx magħruf mill-Knisja*
*bħal 'Manjus', bħala l-Kbir,*
*bħala l-Patrun minn tagħha,*
*'mma tal-familja lsir!*
*Bħal tarka tal-ħaddiema,*
*bħal ħabel b'satal tqil,*
*li bi ħtijiet imfawwar,*
*lest terfgħu minn ġol-bir!*

*Marija, illum agħdirni,*
*għax flok lilek għannejt,*
*qbadt mal-għarus minn tiegħek,*
*biex b'reqqa lilu flejt;*
*u sibtu tassew raġel,*
*xempju ta' kull qdusija,*
*biex ħabb lil Alla u lilek*
*kemm għadda minn tbatija!*

*Għalhekk illum il-bniedem,*
*hu x'inhu s-sess, stat tiegħu,*
*Ġużeppi jtiħ eżempju*
*kif 'l Alla jgawdi miegħu;*
*kif jobdi r-rieda t'Alla*
*jekk għad ġurnata jrid*
*jiġi mgħadud mal-ġusti,*
*jiġi magħżul mis-Sid!*

**Francis Sultana**

IL-FAMILJA "AĦBAR TAJBA GĦAT-TIELET MILLENNJU"

# "Fourth World Meeting of Families" - Manila (Filippini) 22-26 ta' Jannar 2003

## *IL-FAMILJA HI L-FUTUR TAL-UMANITA`-Messaġġ mill-Papa Ġwanni Pawlu II.*

### *1. KUNU AĦBAR TAJBA!*

*Fuq kollox kunu aħbar tajba għat-tielet millenju billi tibqgħu fidili għall-vokazzjoni tagħkom,*
*sew jew iżżewiġtu m'ilux, sew jekk ilkom miżżewġin bosta snin ilu, is-sagrament taż-żwieġ jibqa' l-mod speċjali kif tkunu dixxipli ta' Ġesu':*
*-billi tagħtu l-kontribut tagħkom ħalli xxerrdu s-Saltna t'Alla*
*-u billi tikbru dejjem fil-qdusija li ghaliha l-Insara kollha huma msejħin għaliha. (Gaudium et Spes n.48)*





### *2. ŻOMMU SOD!*

♦ *Ilqgħu b'mod sħiħ u mingħajr riżervi l-imħabba li Alla sawwab fikom fis-sagrament taż-żwieġ u permezz tagħha, jgħinkom tħobbu ukoll lil oħrajn.*

♦ *Żommu sod f'din il-fehma waħdanija; l-Imħabba ta' Kristu qatt ma titlaqkom:*
*Alla qatt mhu ser jerġa lura mill-patt ta' mħabba li għamel magħkom. "Alla kiteb isimkom fuq il-pala ta' jdejh". (Isaija 49:16)*
*Din il-fehma tagħti*

- *tifsira,*
- *qawwa*
- *u ferħ*

*lil ħajjitkom.*



### *3. IL-GRAZZJA TAS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ.*

*Għeżież koppji insara,*
*Il-grazzja li intom irċivejtu fis-Sagrament taż-żwieġ tibqa' magħkom u takkumpanjakom matul is-snin.*

♦ *Din hija l-grazzja ta' l-imħabba li taf tissagrifika ruħha:imħabba li tagħti u taħfer.*

♦ *Din hija l-grazzja ta' l-imħabba diżinteressata*
*-li tinsa l-offiża li tkun sofriet*
*-imħabba li tibqa' fidila sal-mewt*
*-imħabba għammiela u tagħti l-ħajja l-ġdida.*

♦ *Din hija l-grazzja ta' mħabba ġeneruża*
*-kollox temmen*
*-kollox tafda*
*-kollox tittama*
*-kollox tissaporti*
*-imħabba li ma tintemm qatt*
*-imħabba li hija aqwa minn kollox (1.Kor 13:7-8)*

♦ *Imħabba bħal din mhux dejjem hija ħafifa.*
*Il-ħajja ta' kuljum hija miżgħuda*
*-b'diffikultajiet*
*-b'tensjonijiet*
*-bi tbatija*
*-u ukoll b'għejja*

♦ *Iżda f'din il-mixja ta' ħajjitkom intom m'intomx waħidkom.*
*Gesù hu dejjem preżenti, qrib tagħkom l-istess bħalma kien preżenti ma' l-għarajjes ta' Kana fil-Galilea, u waqaf magħhom fil-mument ta' diffikultà.*

♦ *Il-Konċilju Vatikan II ifakkarna li l-Feddej Gesù*
*- jibqa' qrib il-koppji nsara*
*-jagħtihom kull għajnuna*
*Sabiex, kif Kristu ħabb lill-Knisja u ta ħajtu għaliha, hekk il-miżżewwġin*
*-Iħobbu lil xulxin u bil-fedeltà*
*-u b'interess reċiproku li qatt ma jiġu nieqsa.*
*(Gaudium et Spes n.48)*

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**



### *4. IL-VERITÀ DWAR IL-FAMILJA*

*Għeżież koppji Nsara,*
*Kunu l-Aħbar it-tajba għat-tielet Millenju*
*-billi tagħtu xhieda konvinċenti u konsistenti lill-verità dwar il-familja.*

♦ *Il-Familja msejsa fuq iż-żwieġ*
*-hija l-wirt tal-umanità*
*-hija ġid kbir ta' valur imprezzabbli*
*-hija meħtieġa għall-ħajja, għall-iżvilupp u għall-futur tal-ġnus.*

♦ *Il-Familja skond il-pjan oriġinali tal-ħolqien, hija l-ambjent fejn il-bniedem, maħluq skond ix-xbieha ta' Alla (Ġenesi 26)*
- *jitnissel*
- *jitwieled*
- *jikber*
- *u jimmatura*

♦ *Il-Familja*
*bħala l-ewwel skola li fiha jitrawwmu l-persuni hija indispensabbli biex ikun hawn "ekoloġija umana"*
*(Centesimus Annus, n.39)*
*Bħalma għidt bosta drabi il-futur tal-umanità jgħaddi mill-familja (C.A. 86).*



**Siltiet mid-diskorsi tal-Kard Lopez Trujillo waqt il-Meeting tal-Familji.**

*L-Isfidi quddiem il-Familja Nisranija*
*Fl-ambjent sekularizzat u neo-pagan tal-lum. mhux biss hu diffiċli temmen, Iżda wkoll sar diffiċli tapplika l-veritajiet tal-Kredu fil-ħajja konkreta ta' kuljum. Tfaċċaw stili ta' ħajja li bl-iskuża tal-pluraliżmu, ma jaqblu xejn mat-tagħlim Nisrani.*

*Il-Familja ghandha tagħti Xhieda*
*Il-familja trid issir xhud attraenti ta' l-identita' tagħa; jiġifieri bħala Komunita' ta' Ħajja u Mħabba fl-Għotja Totali u Reċiproka ta' Xulxin.*

*Ħtieġa ta' Konverżjoni ♦ tal-Qalb ♦ tal-Moħħ ♦ tal-Ħajja*

*Hemm bżonn ta' konverżjoni minn ħajja ta' paganeżimu ġdid, li għandha twassalna għall-Verita', għand Alla.*

*Hemm bżonn ta' konverżjoni personali u soċjali... jiġifieri nadottaw:*
*- stil ta' ħajja skond ir-rieda t'Alla fil-familja, li hi knisja domestika*
*Ħafna surveys f'pajjiżi differenti qed juru li ż-żgħażagħ iridu familja stabbli fejn lħossuhom realizzati bħala persuni.*
*- irridu niskopru lil Alla fil-familja u nitrasmettu din il-fidi fit-tfal*
*Hekk ilkoll nikbru bhala Nsara u dan jgħin biex infakkru l-ideali foloz li s-sekulariżmu qed joħloq kontinwament.*

BOOKMARK

## *IL-ĦAJJA TA' SANT' ANTON ABBATI*

***Sant' Atanasju; trad. Kan Alwiġ Camilleri; Edizzjoni Riflessi Antonjani, Xagħra; Gozo Press; Għawdex, Jannar 2003; pp.103; Lm1.50c.***




*Ir-rakkont li qed jiġi ppreżentat fil-ħajja ta' Sant'Anton (256-351) "Vita Antonii", miktuba fir-raba' seklu mill-Isqof Sant' Atanasju, jista jissejjaħ il-best seller tal-letteratura kristjana tal-Knisja tal-bidu. Dan il-ktieb kien tant magħruf, imfittex u mifrux wisq li ġie tradott fi ftit żmien f'diversi lingwi fosthom il-Latin, is-Sirjak, l-Armen, il-lingwa Kopta, Etijopika u dik Ġorġjana.*

*Ħajtu hija ġrajja ta' ispirazzjoni qawwija għall-ħajja monastika li qanqlet saħansitra konverżjonijiet fil-qalb ta' min kien jidħol fil-ispirtu tal-kelmiet miktuba. Hawn ta' min isemmi l-influss li dan il-ktieb ħalla fil-ħajja ta' Santu Wistin, li fil-mixja tal-konverżjoni tiegħu, iltaqa ma' dan il-ktieb meta kien f'salib it-toroq ta' ħajtu. Din il-'ħajja' miktuba b'sengħa letterarja kbira tlaqqana mat-tfulija, iż-żgħożija ta' Sant'Anton, l-iljieli mgħoddija fit-talb, il-predikazzjoni, it-tentazzjoni mix-xitan, il-ħarba lejn id-deżert, il-mirakli li wettaq f'isem Alla, il-kontroversja mal-filosfi Neoplatoniċi, l-eretiċi Arjani u fl-aħħar il-paġni sublimi li jirrakkontaw il-mewt tiegħu fil-qalba tad-deżert minn fejn ħarstu ntefgħet għall-aħħar darba lejn il-muntanja Sinaj, post singulari ta' pellegrinaġġi.*

*Dan ir-rakkont, miġjub għall-Malti mill-mibki Dun Alwiġ Camilleri, qed jagħti lill-qarrejja u lil-letteratura Maltija l-possibilita` li jduqu il-benna ta' paġni miktuba b'kariżma u dinjita` li jmissu l-qalb ta' min jaqrahom fl-ispirtu li għalih inkitbu. Il-ktieb jinkiseb mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria, Għawdex jew m'għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta.*

***Kan. Karm Refalo***
***Arċipriet tal-Qala.***

## *MANWAL TAL-LETTURI*

***Donat Spiteri, ofm.cap.; it-tieni edizzjoni; Għawdex, Jannar 2003: Lumen Christi Publications, Gozo; pp.48;Lm1.***




*Xandar ta' l-aħbarijiet tal-BBC u lettur f'parroċċa kattolika f'Londra, darba tard filgħaxija rċieva telefonata mingħand il-kappillan biex l-għada filgħodu jaqra lezzjoni f'quddiesa minflok lettur ieħor li għal xi raġuni ma setax jattendi. Dan ix-xandar irrifjuta li jaqra l-lezzjoni għax ħass li ma kienx qraha, immeditaha u assimilaha. Storja bħal din tidher xi ftit esaġerata, imma turi serjeta` u responsabilita` l-aktar kbira kemm min-naħa tax-xandar, kemm min-naħa tal-lettur l-ieħor, u kemm min-naħa tal-kappillan.*

*Għalhekk kellu raġun kbir Patri Donat ofm cap meta tana f'idejna dan il-"Manwal tal-Letturi", li qed jiġi ppubblikat għat-tieni darba, tletin sena wara l-ewwel edizzjoni tiegħu li kienet eżawrita fi żmien qasir. Fih huwa jsemmi mhux biss l-unur u d-dinjita` ta' min hu lettur, imma wkoll il-kwalitajiet meħtieġa biex wieħed jistħoqqlu jxandar u jipproklama l-Kelma t'Alla miktuba. Ix-xandir tal-Kelma t'Alla hi responsabilita` li ma għandhiex tiġi fdata lil kull min ġie ġie. Huwa żball kbir li missjoni bħal din titwettaq minn tfal żgħar u nies oħra li ftit jew xejn huma midħla tal-Bibbja.*

*Tajjeb li f'kull parroċċa jkun hemm numru ta' letturi, rġiel u nisa, li jkunu ppreparati tajjeb għal dan ix-xogħol hekk importanti. Min jidħol għal dan il-ministeru ta' lettur għandu jfittex li jkollu f'idejh dan il-ktieb, jistudjah tajjeb, u jħares bir-reqqa kollha t-twissijiet li fih. Hekk jixraq lill-Kelma ta' Alla u għall-ġid tal-poplu ta' Alla.*

***Mons Girgor Grech***
***Delegat, Kummissjoni Liturġika Għawdex***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -113

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2003

# QERQ BIL-BDIEWA

Id-dokument numru mija u tlettax li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu silta minn petizzjoni mibgħuta fit-3 ta' Settembru, 1702, proprju fl-ewwel jiem tas-sena fiskali ta' l-Università u għalhekk tinsab mad-dokumenti ta' l-1703. Tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1702–1703), folju 73r-v (NAG, UG, *Acta*, 9/1701–1702, f. 73r-v).

Din li ġejja hi l-ewwel silta minn din il-petizzjoni.

***Il popolo del Gozzo si lamenta in primis per il cottone che darranno li mercadanzi del gozzo a credenza che lo vendono a scudi dodeci, tarì undici il quintaro, e da poi lo vendono a scudi otto ed denari e così vi è grave lamento delli poveri della loro perdità.***

Il-petizzjoni inkitbet minn Alfonso Calleja, li jiffirma bħala *Capitano stabile del Gozzo*, jiġifieri kaptan li kien joqgħod f'Għawdex b'mod permanenti. Nhar it-3 ta' Settembru, 1702, Alfonso indirizza petizzjoni lill-Granmastru Ramon Perellos (1697–1720), dwar ħames inġustizzji li dwarhom kienu jilmentaw il-bdiewa f'Għawdex.

L-ewwel inġustizzja kienet tirrigwarda l-produtturi tal-qoton u hi s-silta li ġibna hawn. Il-poplu ta' Għawdex, kiteb, igerger għaliex il-merkanti tal-qoton iwegħdu lill-qattana, dawk li jiżirgħu il-qoton, li se jagħtuhom tnax-il skut u ħdax-il irbiegħi il-qantar. Imbagħad il-qoton kienu ibigħuh tmien skuti u hekk il-bidwi jsofri telf kbir u jsir ħafna tgergir.

L-istess dwar il-*babbagio,* jew il-maħluġ. Iwegħduhom li sejrin jagħtuhom tliet skuti kull peso, jew kull wiżna, imbagħad jagħtuhom inqas.

It-tielet lment kien dwar il-drappi jew il-qoton minsuġ. Wara li bil-wiċċ tost kollu lill-Għawdxin kienu jagħtuhom prezz baxx tal-qoton, kienu qegħdin jitolbuhom prezz għoli ħafna fil-qasba għad-drapp.

Ir-raba, kien qiegħed isir tgergir dwar il-*herba di cennere*, il-ħaxix tal-irmied, li l-isem proprju tiegħu bil-Malti hu xebb. Għadha tikber sal-lum mas-swar taċ-Ċittadella u ġo fiha. Kienet tinġabar, titnixxef, u tinħaraq; l-irmied kien imbagħad jintefa' ġo l-ilma u jħalluh joqgħod ħalli jagħmlu l-lissija, flok is-soda, biex tħaffef l-ilma tal-ħasil. Din kienet qiegħdha tinxtara ħadra ġo landa magħluqa mingħand il-bidwi. Minkejja li kienet imfittxija ħafna ma kinux jagħtuhom għajr nofs il-prezz tas-suq.

Il-ħames ilment kellu x'jaqsam ukoll ma' din il-ħaxixa tar-rmied. Xi kompraturi kienu qegħdin jifthu l-landa li jagħtuhom il-bdiewa u jħalltu xi ħxejjex oħra max-xebb. Hekk bil-qerq kienu jaqilgħu ħafna iktar u x-xerrejja f'Malta kienu jgergru dwar il-kwalità fqira tax-xebb Għawdxi.

Alfonzo Calleja, l-oratur, talab lill-Granmastru ħalli jirrimedja dawn l-inġustizzji.



TIFSIR FUQ IT-TAGħLIM TAT-TWEMMIN NISRANI ⑮



# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

(ikompli mill-ħarġa ta' Frar 2003)

## 5. ALLA U L-ĦOLQIEN

Ladarba Alla biss jeżisti minnu nnifsu, kull ħaġa oħra li teżisti barra minnu nnifsu ġiet maħluqa minnu, direttament jew indirettament, jiġifieri minn materjal maħluq minnu, bħall-ħolqien ta' Eva (Ġen. 2,22).

**L-għan ewlieni tal-kreazzjoni** huwa dak li Alla jimmanifesta t-tjubija tiegħu lill-bnedmin, jiġifieri li tjubitu u l-kobor tiegħu jiġu gglorifkati esternament.

**L-għan sekondarju tal-kreazzjoni** huwa dak li jiġi moqdi l-bniedem (Ġen. 1,27-30). Huwa s-sultan tal-ħolqien, u l-ħlejjaq l-oħra ġew imqegħda taħt il-ħarsien tiegħu u biex jinqeda bihom.

Alla waħdu u mingħajr ebda għajnuna ta' ħaddieħor ħalaq id-dinja u l-univers kollu, u b'hekk wera l-onnipotenza tiegħu u li huwa sid ta' kollox.

**Alla ħalaq kollox liberament**, għax ried huwa bil-liberta` sħiħa tiegħu u mingħajr ma kien imġiegħel jew ikkundizzjonat minn ħadd u minn xejn. Ma kellu ebda dmir jew obbligu li joħloq id-dinja u l-bniedem. Ma kellu ebda bżonn li jagħmel hekk, għax Alla ma jeħtieġ lil ħadd u ebda ħaġa barra minnu nnifsu. Seta' kieku ried ma joħloq xejn jew joħloq dinja differenti għal kollox minn dik li ħalaq u aħjar minnha wkoll. Il-bnedmin u l-ħlejjaq l-oħra bdew jeżistu malli riedhom jeżistu Alla u jibqgħu jeżistu sakemm iridhom Hu, għaliex kif saru b'att tar-rieda tiegħu, hekk ukoll b'att ieħor tar-rieda ta' Alla d-dinja b'kull ma fiha tista' tiġi meqruda (2 Makk. 8,18; Għerf 11, 29). Meta Alla ħoloq l-univers ma nbidel bl-ebda mod fih innifsu, iżda biss wera esternament l-onnipotenza tiegħu. Iġibu l-eżempju ta' l-iskultur Michelangelo, li meta għamel l-istatwa tal-irħam ta' Mose` ma żied xejn mal-ħila li kellu qabel, biss, esternament wera l-kapaċita` tiegħu, u setgħu jintebħu biha l-bnedmin.

Alla mhux biss ħalaq, imma b'att pożitiv tar-rieda tiegħu jżomm il-ħlejjaq fl-eżistenza, u dan l-għemil jissejjaħ **"il-konservazzjoni tal-ħolqien"** (Ġw 5,17).

Alla jippreserva l-ħlejjaq tiegħu jew iżommhom fl-eżistenza b'żewġ modi:

a. **negattivament,** billi jħarishom minn influwenzi li jistgħu jeqirduhom; u

b. **pożittivament**, billi b'att tar-rieda tiegħu jżommhom biex jibqgħu jeżistu. Dan ifisser li l-kreaturi, matul il-perjodu kollu tal-eżistenza tagħhom, jiddependu mill-qawwa konservatriċi ta' Alla li jżommhom fl-eżistenza.

Rigward il-konservazzjoni, il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna (num 301): "***Wara l-ħolqien Alla ma telaqx il-ħlejjaq b'rajhom f'idejhom. Ma jagħtihomx biss l-esseri u l-eżistenza iżda jżommhom f'kull mument ta' l-eżistenza tagħhom u jagħtihom ukoll li jaġixxu u jwassalhom għat-tmiem tagħhom." Difatti l-ktieb tal-Għerf (11,25) jistaqsi lil Alla: "Kif setgħet tibqa' xi ħaġa fid-dinja kieku inti ma ridthiex, jew kif setgħet iżżomm kieku inti ma sejjaħtilhiex?"***



Barra mill-ħolqien u l-konservazzjoni, għall-ħlejjaq kollha hija meħtieġa dik l-għajnuna ta' Alla li t-teoloġi jsejħulha "**konkors divin**." Hija att tal-onnipotenza divina li jinfluwixxi realment fl-azzjonijiet naturali tal-kreaturi. Hija differenti kemm mill-kreazzjoni kif ukoll mill-konservazzjoni, għaliex bil-kreazzjoni l-ħlejjaq jibdew jeżistu, bil-konservazzjoni jibqgħu jżommu fl-eżistenza tagħhom, bil-konkors divin tingħatalhom għajnuna f'dak kollu li jagħmlu. Minn dak li għidna, tidher id-dipendenza assoluta tal-ħlejjaq kollha minn Alla; mingħajru, infatti, ma jistgħu jagħmlu xejn: la jeżistu, la jibqgħu fl-eżistenza u l-anqas jistgħu joperaw jew iwettqu l-għemejjel tagħhom.

Dan il-konkors divin huwa meħtieġ fl-ordni naturali u għall-ħlejjaq kollha, inkluż il-bniedem. Hu essenzjalment differenti mill-għajnuna tal-grazzja, li biha Alla jinfluwixxi fuq l-azzjonijiet tal-ħajja soprannaturali u li tirrigwarda biss il-kreaturi spiritwali, jiġifieri l-bnedmin u l-anġli, iżda mhux il-ħlejjaq materjali.



**Il-providenza** hija l-att li bih Alla jmexxi l-ħwejjeġ kollha għall-għan maħsub minnu u skond ir-rieda tiegħu. Alla jmexxi l-ħlejjaq bil-providenza tiegħu billi jagħżel għal kull kreatura l-fini jew l-għan proprju tagħha u jiddiriġiha biex tilħaq dan il-għan li jikkorrispondi għan-natura tagħha skond il-pjan tiegħu ta' l-għaġeb. Rigward il-kreatura, il-providenza hija l-eżekuzzjoni jew it-twettieq fiż-żmien ta' dan il-pjan ta' Alla. Il-providenza hija fl-istess ħin att ta' l-intelliġenza divina kif ukoll att tal-volonta` tiegħu, u għalhekk ngħidu li l-providenza titwettaq skond id-digrieti divini.

**Alla jiddirieġi kollox** biex iwassal il-ħlejjaq tiegħu għal-għan tagħhom, jiġifieri għall-iskop li għalih ħalaqhom (Għerf 11,26; Kol. 1,17).

Fil-priedka tal-muntanja Kristu jħeġġeġ lis-semmiegħa biex iqegħdu t-tama tagħhom fil-providenza ta' Alla u ma jkunux preokkupati żżejjed dwar ħwejjeġ materjali bħal ikel u lbies.



Naqraw f'Mattew (6,25-31): "*Tinkwetawx ruħkom għal ħajjitkom, x'se tieklu, anqas għal ġisimkom, x'se tilbsu. Jaqaw il-ħajja m'hijiex aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mill-ilbies? Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema: la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, u madankollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx aktar minnhom? U min minnkom, bl-inkwiet kollu tiegħu, se jseħħlu jtawwal għomru mqar b'xiber wieħed biss? U għall-ilbies għalfejn tinkwetaw ruħkom? Ħarsu lejn il-ġilji ta' l-għelieqi, kif jikbru! U la jitħabtu u lanqas jinsġu. Madankollu, ngħidilkom, anqas Salamun, fil-glorja kollha tiegħu, ma kien jilbes bħal wieħed minnhom*".




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(L-Erbatax-il Parti )*

*(Jissokta mill-ħarġa ta' Frar)*

La semmejna l-qoton issa se ngħidilkom qawl ieħor u l-ħrafa tiegħu. Dan il-qawl igħid hekk: "**Il-qotna ta' l-inbiet aħjar minn għaxra tal-bejtiet**". Hawn min igħid "**Il-qotna tal-moħriet**". Imma l-ewwel waħda taqbel iżjed mal-ħrafa.

Hemm żewġ modi kif wieħed jista' jiżra' l-qoton. Hemm il-metodu tal-bejta, billi jiżirgħu ftit żerriegħa fil-bejta, imbagħad iħalluh jikber ftit, wara jsaffu l-bejta billi jneħħu x-xitel id-dgħajjef u jħallu l-aktar tnejn b'saħħithom.

Il-metodu l-ieħor hu dak li l-ewwel jaħartu sewwa l-għalqa, imbagħad jiżirgħu l-qoton u jerġgħu jaħartu biex iż-żerriegħa tirtadam. Jistgħu wkoll, wara li jaħdmu l-għalqa sewwa, jitfgħu ż-żerriegħa fir-radda tal-moħriet (tal-bhima) u ż-żerriegħa tirtadam kull darba li ssir radda ġdida. Meta ż-żrigħ ikun lest, il-bidwi fl-aħħarnett nett ixattab il-għalqa. Għaliex? U dwar dan għandna din il-ħrafa.

Jgħidu li fil-bidu l-bdiewa tagħna ma kinux ixattbu l-għalqa wara li jiżirgħu l-qoton. Iżda darba minnhom, wara li wieħed bidwi kien żera' l-qoton bil-moħriet, tmiegħket il-bhima fuq il-miżrugħ. U ħaġa tal-għaġeb, fejn tmiegħket il-bhima aktar nibet u rnexxa. Għalhekk, biex jippruvaw, il-bdiewa bdew ixattbu l-qoton miżrugħ. U l-biċċa rnexxiet tassew, u minn dak in-nhar 'il hawn bdew ixattbu l-qoton ħalli jagħmel iżjed.

Għalhekk jingħad li l-qoton miżrugħ b'dan il-metodu jagħmel wisq iżjed minn dak miżrugħ bil-bejta. U hekk ukoll, mela, tnissel dan il-qawl.

Il-qoton dari kien prodott importanti ħafna fir-raba' tagħna. Tant hu hekk li fil-kuntratt tal-qbiela tar-raba' tal-Gvern kien ikun hemm speċifikat li kulħadd kien ikollu d-dritt li jimla l-ilma mill-bir tal-qasam tal-Gvern biex ikun jista' jbejjet il-qoton. 'Kulħadd' hawn tfisser il-bdiewa kollha li kien ikollhom qatgħa raba' minn dak il-qasam li jkun, billi l-Gvern Malti għandu ħafna oqsma kbar fil-gżira ta' Għawdex.

## *Ir-Razzett*

Razzett tfisser dar kbira fejn il-bidwi jgħix mal-familja tiegħu, fejn irabbi l-bhejjem u fejn jaħżen il-prodotti tar-raba' li jiżbor. L-irziezet jinsabu l-aktar fil-kampanja qalb ir-raba' u fl-irħula ta' Malta u Għawdex. X'uħud tasal għalihom minn xi sqaq dejjaq bil-ħitan tas-sejjiegħ fuq kull naħa. Qabel tidħol aktarx issib xi xatba ta' l-injam li ma tħallix il-bhejjem igħaddu għal riħhom. Din ix-xatba tkun tingħalaq jew bil-ganġetta jew bil-firroll. L-irziezet antiki fil-gżejjer tagħna għandna nħarsu lejhom bħala wirt li wasal għandna mingħand missirijietna li għexu ħafna snin qabilna.

L-irziezet il-kbar għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess pjanta: bitħa kbira fin-nofs imdawra b'imqajel jew imqawel għall-bhejjem, kmamar għall-maħżna, stalla għaż-żiemel, bagħal jew ħmara, u intrata jew remissa li jagħtu għat-triq. Fir-remissa l-bidwi kien ipoġġi l-karrettun. Imbagħad titla' fuq minn taraġ miftuħ li jagħti għal setaħ. Is-setaħ ikun bejt baxx jew is-saqaf ta' loġġa jew arkata, li titla' għaliha b'taraġ. Fuq ikun hemm il-għorof fejn joqgħod il-bidwi mal-familja tiegħu. Fl-irziezet antiki jkun hemm ukoll kemm-il bejt baxx imsejjaħ setaħ jew bejt. Hawnhekk, maqtugħin għalihom, ikun hemm il-kċina jew kċejjen biex il-mara tal-bidwi tkun tista' ssajjar bil-ħatab, għaliex dari kienu jsajru bil-ħatab fuq il-fuklar jew bil-kenur, u l-kamra tal-ġbejniet li kienet tkun kollha xquq biex tidħol l-arja. Minn barra, ix-xquq tal-kamra tal-ġbejniet ikunu mgħottija bin-nemusiera biex ma jidħlux insetti. L-art tar-razzett tkun miksija jew biċ-ċangaturi, ta' sura kwadra, jew inkella bix-xorok stess li bihom ikunu msaqqfa l-kmamar ta' taħt. Il-btieħi jistgħu jkunu wkoll bit-torba mballta b'taħlita ta' ċagħak jew ġebel tal-qawwi, imma li wara li daħal is-siment bdew isiru tal-konkos.

Minn barra r-razzett ikun jidher qisu xi bini ffortifikat. It-twieqi tal-għorof kienu jkunu żgħar ħafna fuq żewġ filati u fil-għoli biex ikun diffiċli għal min jipprova jidħol minn xi tieqa. Fil-ġnub tat-tieqa kien



ikun hemm żewġ saljaturi jew ġebliet imqabbżin 'il barra biex fuqhom jitqiegħed ix-xriek. Dan ix-xriek kien iservi biex fuqu jitqiegħed il-qannić bil-ġbejniet fuqu. Qannić kien ikun bħal tapit kwadru maħdum mill-qasab biex inixxfu l-ġbejniet fuqu. Kien jistrieħ nofsu fuq ħoġor it-tieqa u n-nofs l-ieħor fuq ix-xriek.

Minbarra t-twieqi, kien ikun hemm fil-għoli bosta rwiewaħ biex tgħaddi l-arja. Rewwieħa kienet tkun bħal twejqa jew tieqa żgħira ħafna għan-nifs.

Fil-bitħa tar-razzett kien ikun hemm bir bit-taljola biex jimlew l-ilma ħalli bih jisqu 'l bhejjem. Fil-bitħa kien ikun hemm ukoll xi ħawt għall-ilma, xi tisqifa fejn ipoġġu l-għodod tqal tar-raba' bħal romblu, moħriet, xatba, imgħażaq, u dugħ; bħal kaxxi, qfief, bxiekel u mezez, u anki qsari għall-ħxejjex aromatiċi, jiġifieri ħxejjex ifuħu u li l-mara tal-bidwi tuża fit-tisjir, bħal ngħidu aħna nagħniegħ, mertqux, ħabaq, klin, rand, u karfus u tursin. Xi barrada kbira biex fiha jaħżnu xi oġġetti ta' l-ikel ma kenitx tonqos. Kien ikun hemm ukoll xi żarrieħa jew ħarriġiet fejn jitkabbru xi qsari oħra jew fejn jitnixxfu oġġetti ta' l-ikel bħal ġbejniet, tadam u tin imqadded, u basal tal-*pikles*. Ma jonqosx ukoll qrib tal-bir xi xriek oħxon fuq żewġ waqqafat tal-ġebel fejn il-bidwi jagħmel xi xogħol, u taħtu xi qliel jew istla (bramel) li jkollu bżonn għar-razzett.

Il-bibien u t-twieqi tar-razzett xi drabi jkunu mgħottija b'purtieri tal-qasab li jsiru Għawdex stess biex jilqgħu għax-xemx. Dawn f'Malta igħidulhom ħasira jew ħsajjar, imma għall-Għawdxin ħasira tkun bħal tapit tas-simar li ġie li kienet tintuża bħala purtiera.

L-imqawel tar-razzett kienu jkunu magħżulin għalihom, hekk li l-baqar, in-ngħaġ, il-mogħoż, il-qżieqeż u t-tjur jinżammu kull wieħed f'maqjel apposta. Imma billi dari ħafna bdiewa kienu fqar, kont issib bdiewa li jrabbu tip wieħed ta' annimali jew tjur biss. L-imqawel kienu jkunu msaqqfin bil-ħnejjiet reqdin. Ħnejja rieqda hija ħnejja segmentali jew biċċa minċirku, inqas minn nofs tond. Fuq il-ħnejjiet ikun hemm ix-xorok. Xi mqawel kienu jkunu msaqqfin fuq il-kileb. Kilba hija ġebla mqabbża mill-ħajt biex fuqha jistrieħ ix-xriek tal-qasba li jkun twil xi 9 piedi (243.84cm) ninn naħa għal oħra. Kien hemm ukoll xorok tas-sebgħa, jiġifieri tas-seba' piedi. Fl-imqawel kollha kien ikun hemm l-imxatar għaliex il-bhejjem kienu jagħilfuhom fil-maxtura. Il-bhejjem il-kbar, bħal baqar u gniedes, ġieli kienu jorbtuhom b'ħabel mal-marbat, bħal ħolqa fil-ħajt.

Wara r-razzett jew ma' ġenbu kien ikun hemm btieħi oħra fejn joħorġu l-bhejjem. It-tjur kienu jagħilfuhom jew jisquhom fil-ħwat. Kien ikun hemm ukoll il-mandra, imħawla bil-weraq ta' D'Indja jew pal tal-bajtar. Xi mnadar kienu jżommu t-tjur fihom. Il-kamra fejn jinżamm it-tiben kienet tissejjaħ id-dar tat-tiben. Kien ikun hemm ukoll il-maħżen tas-silla u tal-ġwież. Il-ġwież huwa l-ikel ta' l-annimali bħal ful, ċiċri, ħarrub mitħun, qaraboċċ, tgħam, ċikkarda, ġulbiena - li tkun bħal piżelli, żofżfa, widna, qamħ ir-rum, u smida għat-tjur u t-tiġieġ, F'xi rziezet kien ikun hemm il-gor jew il-barumbara tal-ħamiem.





Fil-għorof ta' fuq kienet tgħix il-familja tal-bidwi. Kienu jinżammu wkoll xi għodod bħal skieken, imnieġel, għeriebel, xkejjer, tlieles (xkejjer tat-tgħam), in-newl biex il-mara tinseġ u għodod oħra bħal raddiena tal-ħalġ jew magħżel, l-imkebba, u t-trajbu tal-bizzilla u ċ-ċombini. Fuq is-sodda kien ikollhom il-benniena imdendla ma' żewġ grampuni biex iraqqdu u jbennu t-tarbija fiha, meta tibki. Mal-ħajt ma jonqosx xi kwadru żgħir jew inkella xi statwa tal-Madonna jew xi kurċifiss bil-musbiħ taż-żejt jixgħel quddiemu. Kien ikollhom ukoll l-imnara għal bil-lejl biex jeħduha magħhom jekk ikollhom bżonn imorru f'xi maqjel fid-dlam. Ma tonqosx lanqas xi bombetta jew lampa tajba għar-riħ li kienu jdendluha taħt il-karrettun meta joħorġu jsuqu bil-lejl, l-aktar biex imorru l-pitkalija fil-għodu kmieni bil-prodotti.

Is-sodda jew is-sodod kienu jkunu mifruxin pulit u mgħottija bi fradi tan-newl magħmulin mis-suf tan-ngħaġ li kienu jsiru hawn Għawdex stess. Il-lożor, l-investi u l-imtieraħ kienu jkunu wkoll tad-drapp ta' l-insiġ iffaxxjat, faxx abjad u ieħor kannella-ħamrani maħduma wkoll hawn Għawdex.

Fuq is-setaħ u fuq il-bejt baxx kienu jqaddu jew inixxfu l-frott għax-xitwa, jaħżnu l-bettiħ fuq rasu u anki l-bajtar tax-xewk li kien iservi sal-Għid il-Kbir. Fir-raħal ta' Kerċem f'Għawdex kienu jagħmlu wkoll it-Tromba tat-Tiben billi kienu jrossu t-tiben f'sura ta' koppla, imbagħad jiksuh bil-karfa u bis-sifa biex meta tagħmel ix-xita l-ilma jiżloq minn fuqu u t-tiben ma jixxarrabx. Ma jonqsux lanqas fil-btieħi u l-bjut il-baxxi tar-razzett xi qsari bil-fjuri tal-qronfol jew tas-sardinell li kienu jagħtu wkoll dehra mlewna lill-ambjent tar-razzett.

Hemm ħafna iżjed affarijiet interessanti dwar l-irziezet ta' Malta u Għawdex. Dawk interessati għandhom imorru jżuru wieħed u joqogħdu ħsiebhom hemm biex jaraw jekk isibux xi ħaġa li ma semmejniex hawnhekk. Dan qiegħed jingħad għax f'irziezet li jinsabu f'irħula differenti ta' dawn il-gżejjer għandek issib fatturi differenti, imma li fl-istess raħal ikunu komuni. Safejn naf jien studju bħal dan għadu ma sarx, imma tajjeb li jsir għax bil-mod il-mod ħafna bini antik qiegħed jinqered.

*(Jissokta)*

HILITE
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE**
**FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Da Luigi's**
**Restaurant & Wine Bar**
*For the finest food & best selection of wines*
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457

A Whole New Look
**Sharmain's Styling Salon**
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**

Bar
Restaurant Pizzeria
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

**Our Pizza Oven Speaks Italian**

Smuggler's Cave
Bar ♦ Restaurant ♦ Pizzeria
Il-Menqa - Marsalforn
Tel: 21 551005 - 21 551983, Fax 21 559959

**TEKNO ZONE**
T.V.'s, Hi Fi Systems, Satellite Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.
Fortunato Mizzi Street, Victoria Gozo, Malta.
Tel/Fax: 2156 5304 Mobile: 79491809 / 99854176
email: teknozon@maltanet.net


**IL TERRAZZO**
Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 21 550248 Mobile: 99446833

**FUQ L-INTERNET**
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi






# Il-Mużew Marittimu "Kelinu Grima" fin-Nadur

Illum ser inżuru mużew ieħor f'din is-sensiela twila li taf il-bidu tagħha fil-ħarġa Nru.805 f'Jannar tas-sena 1999. Din id-darba ser tkun żjara lill-Mużew Marittimu Kelinu Grima, li jinsab fir-raħal sabiħ tan-Nadur, sewwa sew fil-bidu ta' Triq il-Kappillan kantuniera ma' Triq Bernard Haber.

Bla dubju ta' xejn dan huwa uniku fit-tip tiegħu. Għalkemm l-oġġetti li hemm għall-wiri mhux bilfors huma marbuta mal-Gżejjer Maltin, imma huma ta' eżempju ħaj t'altruwiżmu. Kelinu Grima għamel għomru jiġma u jiġbor oġġetti marbuta mal-passatemp favorit tiegħu u dak kollu li rnexxielu jakkwista hekku għalik u għalija biex ingawduh miegħu. Riedna nieħdu parti fl-entużjażmu li huwa kellu matul dawn is-snin kollha li huwa għadda jiġbor din il-kollezzjoni tant interessanti.



Mela, bla dubju dak kollu li wieħed jara f'dan il-mużew jappartieni lill-opri tal-baħar u dak kollu marbut magħhom. L-oġġetti esebiti huma minn dawn l-aħħar tliet sekli. Storja ta' vapuri li użaw l-enerġija tar-riħ biex joforqu l-ibħra u l-oċejani sa dawk moderni li tara llum qishom lukandi jżiġġu fuq wiċċ il-baħar minn port ħerġin u f'ieħor deħlin.

Hekk nsibu vetrini mimlija b'mudelli ta' vapuri li salpaw fuq kull naħa tal-globu fi żmien ta' paċi kif ukoll fi żmien ta' tensjoni u l-biża' ta' gwerer. Opri tal-baħar li jibqgħu msemmija fl-istorja marittima tad-dinja.

Hekk naraw il-mudell tal-*Cutty Sark* li kien inbena f'Dumbarton fl-Iskozja fl-1869 u għamel l-ewwel vjaġġ tiegħu fl-1870 miċ-Ċina b'tagħbija te`. B'kollox qasam l-oċejan 377 darba. Illum qed jintuża bħala mużew fejn qed jirrakkonta



l-istorja li għadda minnha matul is-snin. Hemm għall-wiri ukoll mudell kif ukoll ritratt tal-*aircraft carrier H.M.S.Ark Royal* li kienet ħarġet għall-aħħar darba mill-Port il-Kbir ta' Malta, nhar is-16 ta' Novembru 1978, ftit qabel ma spiċċat is-servizz tagħha fuq il-baħar f'Diċembru tal-istess sena. Fost il-mudelli nsibu wkoll dawk tal-*U.S.S. Forrestal*, l-*U.S.S. Franklin D. Roosevelt* u l-*U.S.S. Essex*. Ma' dawn hemm ukoll ħafna mudelli oħra ta' vapuri ta' kull għamla u żmien.





Imdendla mal-ħitan hemm 'l fuq minn tliet mitt medaljun ta' vapuri diversi. Dawn darba kienu jsebbħu s-saluni tal-vapuri li kienu jirrapreżentaw. Dawn kienu jinstabu fuq frejgati, vapuri tal-attakk, vapuri ta' sorveljanza, destrojers kif ukoll vapuri merkantili u vapuri lussużi kbar.

Matul iż-żmien li għamel iġemma din il-kollezzjoni, is-Sur Grima għamel ħbieb ma' xi wħud mill- aqwa baħħara ta' żmienu. Dawn kienu jinkludu Ammiralli, li tawh tifkiriet li huma kienu jemmnu li huma tajba għall-kollezzjoni tiegħu. Uħud minnhom sa anke tawh l-uniformi personali tagħhom jew parti minnha, kif ukoll bandieri u bandalori li darba kienu jperpru fuq il-quċċata tal-bastimenti li kienu taħt it-tmexxija tagħhom. Numru kbir minnhom rregalawlu anke r-ritratt iffirmat tagħhom.

Fost il-kollezzjoni nteressanti nsibu għall-wiri oġġetti rari u ta' valur mmens bħal ngħidu aħna biċċiet tal-injam (li huma biċ-ċertifikat tal-awtentiċita`) mill-vapur li kien taħt il-kmand tal-famuż Lord Nelson, l-*H.M.S. Victory* u ta' l-ewwel vapur tal-gwerra Amerikan, il-*Constitution*. Ma' dawn hemm esebiti waħda mill-*apaulettes* (dekorazzjoni ta' fuq l-ispalla) tad-deheb li kien juża Lord Louis Mountbatten meta kien fuq xogħol fil-Mediterran.

Fost il-mijiet ta' oġġetti nsibu rrakkontat fatt ta' kuraġġ li seħħ fl-aħħar Gwerra Dinjija li kien jinkludi lil Ġużeppi Grima min-Nadur (li jiġi r-raġel ta' oħt Kelinu Grima). Dan in-Naduri kien *fireman* u *trimmer* fuq diversi vapuri merkantili matul it-Tieni Gwerra. Darba minnhom il-vapur li kien fuqu, il-*Hazelside*, kien milqut minn *torpedo* u għalhekk ġie abbandunat. Dan l-inċident seħħ 800 mil 'l barra mill-kosta ta' l-Afrika t'Isfel. Ġużeppi flimkien ma' xi membri oħra tal-ekwipaġġ li kienu 10 baħrin Ingliżi u 2 Għawdxin oħra min-Nadur stess, rikbu fuq dgħajsa tas-salvataġġ u rnexxielhom iżommu qrib dgħajsa oħra bl-ekwipaġġ tal-istess vapur u damu tlettax il-ġurnata bejn sema w ilma jistennew il-ħniena tasal. Sakemm waslet l-għajnuna, kienu jaqbdu u jieklu l-gawwi u jixorbu l-ilma tax-xita. Meta waslu Ġibilta' kellhom jingħataw attenzjoni medika minħabba l-istat ħażin ta' saħħithom, peress li kienu damu bosta jiem esposti għall-elementi naturali.

Nirrikmanda li meta jkollkom ċans tmorru tagħmlu mawra lil dan il-mużew tant interessanti. Ikun miftuħ dejjem mid-9.00a.m. sal-4.45p.m. minbarra fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi.

Links Travel

**Malta's Leading Tour Operators**

LINKS TRAVEL LTD. are Gozo Representatives for HAMILTON TRAVEL

47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.

***Tel:*** 356 2156 0180, 356 2155 6476 ***Mob:*** 9949 5700 ***Fax:*** 356 2156 0181

***Email:*** travel@linksmalta.com ***Web:*** www.linksmalta.com

HAMILTON TRAVEL CO. LTD.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Fra Baskal (1869-1937) 3. Ħajja ta' Faqar, Ubbidjenza, Safa u Ċaħda

**jikteb Angelo Xuereb**



**Id-dar fejn twieled fiż-Żebbuġ**

Fra Baskal mexa verament fuq il-passi ta' San Franġisk ta' Assisi, missieru fil-fidi, fil-ħajja ta' faqar, ubbidjenza u ċaħda.

Infatti kien ġej minn familja tal-bdiewa u għalhekk ra l-faqar ma' wiċċu qabel ma daħal fil-kunvent. Iżda wara li għamel il-professjoni solenni ħares bi skruplu kbir il-faqar sal-mewt. Kien fqir fl-ilbies, fiċ-ċella u dak li kien juża fil-ħajja tiegħu. Il-kamra tiegħu kienet waħda fqira. Kien fiha sodda ta' l-injam, saqqu tat-tiben, kwadru żgħir ta' San Franġisk Baylon li tiegħu kien devot ħafna u ktieb żgħir ta' devozzjoni. Ħafna stqarrew li waqt il-ġbir tal-karità għall-kunvent, fil-għelieqi kien ineħħi s-sandli biex ma jqattgħux u b'hekk ma jkunx jonqos kontra l-karità. Il-faqar tiegħu kien jidher ukoll meta kien juża' affarijiet użati ta' ħutu r-reliġjuzi. Iżda dan il-faqar ma kienx wieħed estern biss iżda wkoll intern billi kien dejjem jobdi.

Huwa dejjem għożż il-virtù ta' l-ubbidjenza. Meta kien joħroġ mill-kunvent dejjem kien joqgħod attent li jasal fil-ħin. Żewġ ġrajjiet jikkonfermaw dan. Meta kien imur għand il-familjari tiegħu, billi kellu ħafna aħwa miżżewġin ma kienx jidħol għandhom iżda kien joqgħod fejn il-bieb ta' barra biex ma jitlifx żmien. Darba oħra kien sejjer għand tal-familja u nduna li jekk jibqa' sejjer se jasal tard il-kunvent. Għalhekk ikkonvinċa lil min kellu miegħu sabiex ma jibqgħux sejrin id-dar iżda jerġgħu lura.

Barra minn dan kollu huwa kien jitgħakkes aktar milli titlob ir-regola u dara' jiċċaħħad mill-ikel li kien imissu biex jagħtih lil-foqra. Jingħad li huwa ma kienx jiekol laħam u bajd jew jixrob inbid, u kien jilbes iċ-ċilizzju, jiġifieri lbies biex jimmortifika lil ġismu u saħansitra kien isawwat lilu innifsu.

Forsi hawnhekk taħseb li kien jagħmel dan biex l-oħrajn jistmawh ta' qaddis. Iżda l-istorja turina mod ieħor. Darba waħda l-Gwardjan ħadha ma' Fra Baskal u qallu: "Int l-akbar ipokrita li hawn fil-kunvent". Imma ma tilifx il-paċi u s-serenità tal-qalb. Minkejja li kellu uġigħ f'irkubtejh, qatt ma lmenta jew kien igerger. Dan it-taħriġ f'ġismu u fl-ispirtu tiegħu wassal lill-qalbu biex tkun safja. Infatti d-direttur spiritwali tiegħu jgħid li huwa żamm l-innoċenza tal-magħmudija sa mewtu.

Jalla nammiraw il-ħajja ta' dan ir-reliġjuż. Imbagħad nippruvaw ngħixu l-ispirtu ta' Kristu kif iridna Alla fiċ-ċirkustanzi personali ta' ħajjitna.






*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

# Tony Camilleri

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 9949 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

*Għawdxin li għadna niftakru - 3* *Minn Pawlu Mizzi*

# DUN ANTON TAL-MAGNA

F'Malta jafuh b'kunjomu: Dun Anton Cefai. Għaliex kienu jgħidulu "tal-magna" ma nafx. Forsi minħabba l-enerġija li kellu. Ma kien jgħejja qatt. Qisu tassew magna. Bħali Għawdxi u bħali għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu f'Malta. Qassis sempliċi u umli. Mehdi fuq dmiru, leali kważi b'mod esaġerat lejn l-isqof, għax kif kien iħobb jistqarr miegħi *"dak kien il-ġurament li ħadt meta ġejt ordnat saċerdot"*.
Kont nammirah. Għax, għalkemm qatt ma mar la missjoni u lanqas università, kien mogħni b'dehen li kien jgħaġġeb lill-professuri. Lili kien jolqotni b'mod partikolari. L-aktar fl-imġieba tiegħu ma' ħaddieħor. Anke jekk xi ftit nervuż, kellu paċenzja ma' kulħadd. L-iktar jekk ikun Għawdxi!
Ma ninsiex kemm waqaf miegħi meta ġejt nissetilja Malta. Laqagħni f'daru, fettixli fejn noqgħod, żammli t-tfal. Għamel minn kollox biex itaffili l-qrusa tat-turufnament minn pajjiżi. Rajtu anġlu kustodju. Għax kif tgħid l-għanja ta' qabel il-quddiesa, tani idejh u għenni nidra l-ħajja ġdida f'ambjent stramb maqtugħ kważi għal kollox mid-drawwiet ta' tfuliti.

Illum, minkejja li għaddew aktar minn għaxar snin minn mewtu, dik l-id tal-ħbiberija tiegħu għadni nħossha tiġbidni. Kważi tkaxkarni. Fil-Katidral donni għadni narah hemm, imekkek fuq il-presbiterju, kultant jimbex biex idaħħakna. Leħnu f'dak is-skiet ta' l-Imdina nisimgħu jidwi. Anke fid-dar inħoss dellu jimxi warajja.

Fissazzjoni? Nemmen li qed nesaġera, imma, nibqa' ma nistax ninsa l-imġieba dħulija tiegħu mal-barrani fil-bżonn. L-iktar ma' Għawdxin li bħali jkunu sabuha tqila l-ħajja f'Malta. Kien jaf kemm diffikultajiet kienu jġarrbu 'l bogħod minn darhom, speċjalment jekk ikunu mwarrba jew jiltaqgħu ma' xi ras kbira li tqishom b'ċittadini tas-sekonda klassi...

Għal Dun Anton kliem l-Imgħallem fil-Vanġelu kien liġi. U kien jipprova jwettqu mija fil-mija. Għalhekk kien jimxi b'tant imħabba mal-barranin. Għemilu miegħi kien ifakkarni fl-imġieba tal-Maltin ma' San Pawl u dawk kollha li miegħu ħelsu mill-għarqa u ngħataw kenn f'Malta. Ma nixbax nismagħha dik il-ġrajja tan-nawfraġju kif rakkontata fl-Atti ta' l-Appostli! Jaqbadni l-bard meta f'tarf ir-rakkont San Luqa jistqarr: 'Meta ħlisna mill-għarqa sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta!'

Trid tkun bogħod minn pajjiżek, waħdek, mitluf f'ambjent li ma tafx, bla ħbieb, tfittex kenn jew saqaf taħt x'hiex tmidd rasek biex tapprezza t-tbissima ta' min inewwillek idu. U dak il-mument ma tinsihx.

Daż-żmien, kull meta nara fuq it-televixin tant immigrati jiffullaw fuq xtutna, nerġa' nġedded il-qrusa ta' dawk l-esperjenzi tiegħi . U nixtieq li huma wkoll bħali jsibu id xi Dun Anton tiftħilhom bieb għall-ħajja ġdida...

Dun Anton kien ta' qalb kbira, dejjem lest jgħin u jieqaf ma' min ikun fil-bżonn.

Forsi mhux hekk għandu jkun qassis nisrani?

*'Aħne bħal l-appustloj, Pawl,'* qalli darba. *'Insefftru dejjim!'*

Konna fis-sagristija tal-Katidral dak il-ħin. Kien qed jagħmel il-kafè u jien ngħinu jqiegħed il-pastizzi fil-gabarre` għall-monsinjuri. Kelli ż-żgħir miegħi. Waqaf jitbissimlu u wara newwillu pastizz. *'Ħo kewl, xbejn!'* qallu. Deffisulu f'ħalqu u għal ftit ma xerrqux.. Daħak. Imbagħad dar fuqi u qalli :*' Drajtew, drajtew Molta? W'issa għaddu d-dor tof, ħa niħdu grukk. Ġuża tistennikim!'*

Kien ċajtier u u mimli enerġija. Itajjar in-nar jgħaddi minn ħdejk.

Fuq il-presbiterju waqt xi pontifikal qisu tal-molol. Filli hawn u filli hemm. Kollox irid f'waqtu u sewwa. Lanqas kompjuter ma jipprogramma bħalu. Ara ma jfettillekx titnikker jew tiżbalja. Għax jisbell u jregħexek. Nar tat-tiben, imma. Kien jgħaddilu malajr u kif jgħaddilu arah jipprova jżiegħel bik u jurik fejn żbaljajt.

Hekk kien minn qaddisu. Ta' żaqqu f'fommu. Għalhekk kulħadd kien iħobbu. Fil-Katidral *addirittura factotum* ta' kollox: ekonomu, almonier, mazzier, ċeremonier, sagristan. Kollox, fil-veru sens tal-kelma.

'Meta jmut hu l-Katidral jista' jagħlaq', kienu jgħidu n-nies. Kienu jiggustawh anke fir-Rużarju. Għaxar minuti b'kollox . U kienu jistennewh jgħid pater, ave u glorja f'ġieħ 'San Ġorġ u Sant' Ursla patruni tagħna'. Ma kien donnu qatt jintebaħ Dun Anton li ma kienx għadu Għawdex!

Ma tbiddel qatt Dun Anton! Sirt nafu meta kont seminarista, daqsxejn t'abbati nitla' l-Katidral. Dik il-ħabta kien diġa` beda jagħmilha ta' ċeremonier. Kien jiġbed l-attenzjoni tagħna lkoll. Ilaħħaq ma' kollox: l-impulluzzi , il-qanpiena, l-istuta. Moħħna kien jeħodulna. *'Issa mur hemm,'* u ftit wara:*'issa,*



*erġa' ejja 'l hawn'*. U jinbuttak jew iġebbidlek mill-komma ta' l-ispillizza.

Imbagħad, darba wara s-sajf tal-1943, Dun Anton sparixxa minn Għawdex. Qalulna li kien mar ma' l-Isqof Gonzi f'Malta.

Kont erġajt rajtu xi ħmistax-il sena wara. F'Marsalforn. Il-btieħi tagħna kienu ħajt wieħed. Kien jiggustahom lit-tfal tiegħi jismagħhom jilagħbu ġol-bitħa. U kien ikellimhom . Darba marti semgħetu. U qaltlu: *'Dun Anton, qishomx aħna meta konna niġru u nilagħbu fis-sqaq ta' ħdejn tagħkom?'*

Dun Anton ma kienx għarafha. Iżda meta marti qaltu min kienet, mill-bitħa spiċċajna fuq il-parapett tiegħu nirrakkontaw l-istejjer ta' tfulitna.

Marti u Dun Anton kienu fil-fatt ġirien ta' xulxin. Marti kienet toqgħod fi Strada Palma, ir-Rabat fil-fatt, u Dun Anton ftit 'l bogħod fi Strada Sant' Indrija. Mhux l-ewwel darba li semgħet il-quddiesa tiegħu għand is-"Sorijiet ta' l-Istilla," jiġifieri l-Franġiskani fi Triq Palma.

Ma domniex ma sirna ħbieb. U meta morna lura Malta bqajna nfittxu 'l xulxin.

Ngħid is-sewwa allaħares ma kienx hu. Ma nafx, kieku, kemm kont insaddad hawn Malta. Imma hu kien jagħmilli kuraġġ.

Kienu l-aktar żminijiet diffiċli għalija u għal marti. Weħidna. Aħna u t-tliet wliedna, l-iżgħar ta' ftit xhur. Norqdu u nieklu f'kamra waħda. Jien ngħallem filgħodu u nistudja fil-għaxija. Xi żminijiet!

Isem Dun Anton biss kien wens għalina. Joseph, ibni, kien itir għalih. U jien ma kontx nara s-siegħa nhar ta' Ħadd biex immur għandu l-Imdina. Ġeneralment, konna nerħulha lejn il-Baħrija. Għax kampanja sabiħa. Xagħri kullimkien u riħa ta' sagħtar u plejju li tiftaħlek il-pulmuni. U f'nofs dak il-beraħ daqsxejn ta' knisja b'kampnar fuq wara. Kont nisthajjilni x'imkien wara Birbuba!

X'wens fiha n-nies li taf li qed tilqgħek minn qalbha!

Kultant konna nħarsu siekta lejn Għawdex. Kemm tifkiriet!

*'Mill-bogħod jidher isbaħ!'* kien ta' spiss jgħidli.

Ma kontx tpinġih lil Għawdex dak il ħin, hi u nieżla x-xemx. Ħmura dawra mejt. U fuq l-irħula raxx ta' dawl qisu nieżel mis-sema! Ma tpinġihomx. Ix-Xewkija, ix-Xagħra, in-Nadur, il-Qala, l-irħula kollha, wieħed wara l-ieħor qishom bejtiet għasafar il-ġenna.

Kultant kienu jeħduna lejn Dingli Cliffs. Jew lejn Għar Lapsi. Passiġġati li ma ninsihomx!

U fil-jiem tal-bard kienu jżommuna d-dar tagħhom inpaċpċu daqqa fuq ħaġa u daqqa fuq oħra.

Darba daħal għand Dun Anton l-Arċisqof Gonzi. Joseph ġera għal fuqu biex ibuslu idu. L-arċisqof iggustah u staqsieh: 'Int x'jismek?'

'Joseph' wieġbu t-tifel. 'Isa ħej, x'isem sabiħ għandek. Bħal tal-Kalkara! U int ta' min int?' reġa' staqsieħ.

Joseph waqaf u ħares lejja. Bħal kieku biex ma noffendix ruħi b'dak li kien sa jgħid. L-arċisqof ħaseb li qed jistħi u biex jagħmillu kuraġġ kompla jgħidlu: 'Għidli, għidli, la tistħix. Ta' min int?'

Joseph niżżel wiċċu lejn l-art u minn taħt l-ilsien qallu: 'Ta' Ġuża ... u ta' Dun Anton!' Għal ftit sekondi waqa' s-skiet. L-arċisqof ukoll waqaf. Imbagħad tbissem u qal: 'U aħjar nidħak!'

U kulħadd daħak . Barra Dun Anton. Wiċċu tqarras. Lill-isqof ma xtaqx jonqsu, aħseb u ara 'l Alla!. Lanqas bl-iċken kunfidenza . Allavolja ġejja m'għand tifel innoċenti u bla malizzja...

'*Ċertu ċajt mhux sewwa. Ma jixraqx quddiem l-isqof!*' qalli wara li telaq.

Minn dak inhar bdejt nifhem għaliex kultant kien jintrafa minni. Darba kisirni. Kien dak iż-żmien meta ta' San Ġorġ kienu qed jagħmlu l-mazza tal-kapitlu u wrieni d-disinn li kien għamel Toni Saliba ta' Komu.

'Sabiħa,' għidtlu, 'imma għalija kull mazza l-istess. Tfakkarni fil-prepotenza '. Ma kinitx kelma!

Ma fehemnix. Anzi ħa għalih. Ħaseb li qed ngħid għal żmien l-*integration*. Għalxejn ippruvajt ngħidlu li kont qed nirrakkonta stejjer li ġraw mijiet ta' snin qabel. Fil-fatt, fi żmien il-medjuevu, l-isqof ukoll kien mexxej politiku u bħala mexxej politiku kien ta' spiss ikollu jiġġieled biex jiddefendi t-territorju tiegħu kontra l-għedewwa.

'L-arma tal-ġlied tiegħu kienet mazza, speċi ta' għasluġ oħxon maqtugħ mill-għaksa b'tarf il-frieghi miżbura,' għidtlu. Skond il-liġijiet tal-Knisja, dak iż-żmien ta' qabel il-Konċilju ta' Trentu, l-isqof biss kellu l-privileġġ iġorr dik l-arma; u din kien iġorrielu wieħed mill-paġġi tiegħu stess.

Dun Anton ma riedx jisma'. L-isqof għalih kien ragħaj mhux re. U qatt ma ndaħal fil-politka. Għalhekk, lilu kellna nobduh b'għajnejna magħluqa. Bħal ngħaġ fidili . Ġwejda u b'rasna baxxuta għall-ordnijiet u l-fehmiet kollha tiegħu...

Mhux darba u tnejn kelli ndawwar id-diskors u nispiċċa nitkellem waħdi fuq suġġetti li kienu kontraversjali: fuq armar tal-festa jew tiżjin tal-knejjes, per eżempju. Għamilt karriera sħiħa nisma' fuq San Ġużepp u x'biċċa xogħol kien ħa biex ipperswada lill-Arċisqof jinkuruna l-istatwa ta' San Ġużepp "ix-Xiħ" fl-1963. Dun Anton kien devot kbir tal-Madonna u ta' San Ġużepp.

'*Għax jien mita ninkariga ruħi biex nagħmil xi ħaġe, irrejd intemme sa l-aħħar*' kien jgħidli.

Min jiftakru prokuratur tal-Kunċizzjoni ta' San Franġisk f'Għawdex jaf kemm dan kien minnu. Kien ilaħħaq ma' kollox: mill-armar saż-żarmar. Kien baqa' jistieden uħud mill-qassisin li kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni ukoll għal xi servizz fil-Katidral. Kien tassew jistmaħ lill-qassis Għawdxi!

Darba kien qed jagħlaq il-Palazz ta' l-Arċisqof il-Belt x'ħin tfaċċa quddiemu qassis żagħżugħ . Kien diġa` sa jgħidlu li kien sar il-ħin u jibgħatu lura mnejn ġie...

'Għadni ġej minn Ruma,' qallu.' Għandi ittra għall-Arċisqof'

Ma ħallihx ikompli. Ħadu minn kliemu li kien minn Għawdex.

'Ħa nitla' ngħidlu li trid tilħaq il-vapur,' qallu.

Dun Anton kien jaf kemm l-Arċisqof Gonzi kellu dejjem biebu miftuħa għall-qassisin Għawdxin u bla ma qagħad jaħsibha tellgħu u qallu biex jidħol. Meta ħareġ stenna li kien sa jaqla' xi ċanfira. Minflok qallu: 'Għid lil Jimmy iwasslu!'. Il-qassis irringrazzjah imma qallu li ried jimxi sa Kastilja, mnejn dari kienu jitilqu x-xarabanks għall-vapur t'Għawdex li kien jitrakka fil-Marfa. Dun Anton impressjonatu l-umanità ta' Gonzi. U feraħ mhux ftit meta wara qallu li dak kien l-isqof il-ġdid t'Għawdex...

Is-snin minn dak inhar tgerrbu. F'Għawdex miet l-Isqof Pace u laħaq l-isqof il-ġdid Nikol Cauchi. Mietu tliet papiet. Għalaq il-Konċilju Vatikan II. Miet Gonzi u laħaq Mercieca. Knisja sħiħa għodda tbiddlet! Dun Anton, imma, baqa' l-istess. Anke wara li ġie maħtur kanonku onorarju tal-Kolleġġjata tal-Bażilka ta' San Ġorġ . Sempliċi u umli. Jieħu gost bil-ftit għalih innifsu, imma ta' qalb kbira għal kulħadd.

'*Kint jin l-ewwil li qdejtu. Ħadd ma kin jof li ken sor l-isqof tagħne*,' kien jgħid ta' kull darba li jisma' min isemmi lill-Isqof Cauchi. Għalih kien l-ikbar unur. U kien jifraħ qisu rebaħ xi lotterija.

Hekk baqa' ħajtu kollha marbut ma' l-isqfijiet. Anke waqt li kien qed jispira fuq is-sodda tal-mewt. Qabad il-kuruna qisu kellu ċensier u biż-żibeġ tal-Kurċifiss għal tliet darbiet inċensa quddiemu. L-istess kif kien jinċensa lill-Arċisqof fuq it-tron waqt xi pontifikal. Imbagħad tbissem u ma ċċaqlaqx iżjed!

Il-magna kienet waqfet. Dun Anton, imma, baqa' *tal-magna*. Għax it-tifkira tiegħu bħala xempju tal-bżulija għadha sallum ma mititx!


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# RAYMOND CEFAI
## *TAL-KELBA LTD.*

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE &**
  **GENERATOR HIRE**



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169



***We are at your service during Lent...***
***but we sell fresh fish all year round!***



# BUGEJA
*the leading FISH MARKET in Gozo*

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo
Tel: 2156 0686, 2155 5668
Mob: 9949 3661
Res: 2155 1389



**SMS**
S. MIFSUD & SONS LTD
**TRAVEL & TOURISM**

*a trusted name for all your travel needs!*

Traditionally known for its level of service, SMS has been in the travel service for over 50 years and today offers a wide range of excellent products both for the businessman as well as for the holidaymaker.

**AIR TRAVEL:** *on ANY airline to ANY destination*
**HOTEL RESERVATIONS:** *worldwide bookings*
**CRUISES:** *the widest selection on ALL cruise lines*
**FERRY CROSSINGS:** *on all major Mediterranean crossings*
AS WELL AS ***car hire, travel insurance and group arrangements***

**21 Republic Street, Victoria, Gozo Tel: 21 551126**
311 Republic Street, Valletta Tel: 21 232211
27 Birkirkara Hill, St Julian's Tel: 21 320620
visit our website at www.smstravel.net

IATA

WATA



# int u saħħtek

Dr. Mario Saliba M.D.

# FTIT FATTI U KUMMENTI

## *L-Eżamijiet u l-Istress*

Uliedna għadhom kemm lestew mill-eżamijiet ta' nofs is-sena. L-*istress* li dawn jikkawżaw fuq saħħithom minkejja li għadu ħadd ma kejlu, jeżisti. Hemm ftit tfal li ma tantx jħossuh dan l-*istress*, iżda hemm ħafna oħrajn li jibżgħu ħafna mill-eżamijiet u dawk is-sigħat li jqattgħu jaħdmu l-karti tal-eżamijiet huma ta' martirju għalihom. Irridu nsibu sistemi oħra kif lill-istudenti tagħna nassessjawhom u fl-aħħar tal-kors jieħdu dak li jkun veru ħaqqhom, u mhux kemm kienu xortihom tajba u inzertaw xi erba' mistoqsijiet li kienu għamlu bħalhom lejlet l-eżami. L-edukaturi jridu jsibu rimedju li jkun ġust għal kulħadd u l-abilitajiet ta' l-istudenti għandhom ikunu rikonoxxuti fuq bażi individwali mhux fuq kriterji li jpoġġu lill-maġġoranza ta' l-istudenti fi żvantaġġ. L-edukazzjoni mhix biss għal dak il-persentaġġ relattivament żgħir ta' studenti li jmorru tajjeb fl-eżamijiet kollha. Il-potenzjal ta' l-istudenti tagħna qed jinqatel mill-marka ta' l-eżami. Dan it-tibdil kif nassessjaw l-istudenti indirettament ikun jgħin fis-saħħa mentali tat-tfal.

## *Skips . . . fihom u madwarhom*

Il-Kunsilli qegħdin jipprovdu s-servizz ta' l-*iskips*. Insibu *skips* imxerrdin ma' Għawdex kollu. Dawn ovvjament mhux tal-Kunsilli iżda nkrew bi flus il-poplu. Aħna bħala poplu mill-għatba ta' darna 'l barra maħmuġin. Ħafna qegħdin jabbużaw minn dawn l-*iskips* meta qegħdin iwaddbu l-imbarazz fejn ġie ġie wara li l-*iskips* ikunu mtlew sax-xifer. Dan barra li jkerraħ l-ambjent jista' iġib ħafna mard. Jista' jkun li dawk li għandhom jiġbru l-*iskips* mhux qegħdin jiġbruhom regolarment kif suppost u kif naħseb li għandhom imniżżel fil-kuntratt. Jista' jkun ukoll li l-ammont ta' skart li jkun hemm ikun ikbar mid-daqs ta' l-*iskip*. Għalhekk min hu responsabbli jrid itejjeb is-servizz. Barra minn dan, l-*iskips* m'għandhomx jitqiegħdu f'postijiet prominenti li jagħtu fil-għajn u jkerrħu l-ambjent u lanqas għandhom jingħataw in-nar meta jkunu mburġati. Ma noqogħdux nitkellmu dwar liġi, pulizija, multi, qorti, Kunsilli Lokali u x'naf jien. Kull wieħed minna għandu jagħmel kull pressjoni possibbli fuq kull min jaf li qed jabbuża biex dan jieqaf milli ikompli jħammeġ l-ambjent. Fil-qasam ta' l-ambjent kulħadd irid jieħu ħsieb ir-roqa ta' fejn igħix u jsebbaħha kemm jista'. Il-prinċipju għandu jkun wieħed ta' azzjoni fuq livell lokali u ħsieb fuq livell globali.



## *Sess fost ż-Żgħażagħ.*

Min jaħseb li s-sess bejn iż-żgħażagħ qabel iż-żwieġ hawn fostna ma jeżistix qed igħix fil-qamar. Min huwa midħla taż-żgħażagħ jaf x'qed ngħid, għalkemm ngħid ukoll li mhux iż-żgħażagħ kollha. Is-sess sar oġġett ieħor ta' konsum. Min-naħa l-oħra wieħed ma' jistax ma' jinnotax kemm it-tagħlim tal-Knisja f'dan il-qasam huwa serju u permanenti. Difatti, pajjiżi bħall-Ingilterra li matul iż-żmien għallmu l-fatti dwar is-sess u firdu l-edukazzjoni sesswali minn kull aspett morali, sabu għas-spejjeż tagħhom stess, u l-iktar ta' wliedhom, li sess mingħajr morali, imħabba u rispett ikun sess irresponsabbli li jagħti importanza lill-aspett fiżiku



u jinjora s-sesswalita` ġenwina tal-bniedem. Barra minnhekk dan l-aħħar fil-ġurnali ingliżi kien irrapurtat li t-tixrid tal-pilloli kontraċettivi fost iż-żgħażagħ ma' naqqasx in-numru ta' tfajliet tqal, u l-pajjiż tgħabba bi spiża enormi biex jgħin lil dawn it-tfajliet. Dawn it-tfajliet-ommijiet jippreferu jibqgħu *single mothers* milli jiżżewġu u lanqas jippruvaw jaħdmu għax jitilfu l-benefiċċji soċjali favorevoli li jgawdu.

F'pajjiżna dawn it-tfajliet-ommijiet għadhom igawdu ukoll mill-għajnuna ta' l-istat u għandhom dritt għas-servizzi soċjali kollha, u anke għal appartament fejn igħixu indipendentament mill-familja. Kulħadd sema' bid-Dar Gużeppa Debono li qegħda għas-servizz ta' ommijiet mhux miżżewġa. Dan huwa eżempju konkret kif id-djoċesi ta' Għawdex turi l-impenn tagħha soċjali u l-appoġġ lil dawn it-tfajliet. Din hija sitwazzjoni fil-pajjiż li rridu naċċettaw iżda fl-istess ħin irridu nagħmlu sforz kollettiv biex fiż-żgħażagħ tagħna qabel kollox inrawmu sens ta' responsabbilta` u mhux ngħidu liż-żgħażagħ isolvu l-problema billi juzaw il-kontraċettivi. Din mhix kwistjoni morali iżda ta' responsabilta` lejna nfusna u lejn l-oħrajn.

## *Il-Pedufilja*

Il- ħruġ fil-beraħ ta' każijiet ta' pedufilja madwar id-dinja għeżżeż lill-Knisja Kattolika tant li wasslet għar-riżenja ta' Kardinal. Din l-problema tinsab b'mod iktar rampanti fi knejjes ta' denominazzjonijiet oħra. Barra minnhekk hija iktar komuni fil-familji stess għax l-ikbar ammont ta' pedufilija li ssir hija minn membri adulti fuq tfal ta' l-istess familja. Meta dan l-att kundannabbli jsir minn saċerdot jew edukatur jidher iktar ikraħ għax dawn ikunu kissru dik il-fiduċja li l-ġenituri jkunu urew fihom meta fdaw lill-uliedhom taħt il-ħarsien tagħhom. Jagħmlu min jagħmlu dan, huwa att kriminali. Persuni li għandhom ir-responsabbilta` tat-tfal f'idejhom u li nafu li għandhom din it-tendenza ma' għandhomx jibqgħu jgawdu r-rispett u l-fiduċja ta' l-awtoritajiet. Nafu li dawk involuti tħallew jokkupaw il-karigi li kellhom jew minn post batuhom post ieħor! Irridu nieħdu tagħlima minn dak li ġara barra u wasal iż-żmien li nkunu aktar onesti magħna nfusna. Għandhom jittieħdu l-azzjonijiet li hemm bżonn biex il-ħafna tajjeb li qed isir mill-maġġoranza ma jitħassarx bil-ftit ħażin tal-ftit. Wieħed fil-mija biss tal-każijiet kollha ta' pedufilja jitwettqu mill-kleru. Dan huwa każ ieħor ta' sensazzjonaliżmu li spiss naraw fil-ġurnali u fil-media.

*L-email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt*

Ta' Pawlu

Bar &
Restaurant
*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE




# *Sportivi Internazzjonali li Ħabbew 'l Għawdex Tagħna*

Illum iddeċidejt li nikteb l-esperjenza tiegħi ma' żewġ personalitajiet ġentili sportivi nternazzjonali li mietu f'dawn l-aħħar xhur. It-tnejn li huma nzertaw Inglizi u li jiena kelli x-xorti kbira li niltaqa' magħhom u li ndawwarhom ma' Għawdex tagħna. Qed nirreferi għal **Sir Bert Millichip** u **Frank Taylor O.B.E.** Minkejja li kienu mimlija bl-għomor, il-mewt tagħhom ħasditni u fl-istess waqt ġabuli ħafna tifkiriet tal-laqgħat li kelli magħhom.

**Sir Bert Mullichip** miet nhar it-18 ta', Diċembru li għadda fl-età ta' 88 sena. Sir Mullichip kien personalità importanti ħafna fix-xena tal-futbol mhux biss dik Ingliża, iżda anke dik internazzjonali. Fil-fatt huwa kien *Chairman* tal-Assoċjazzjoni tal-*football* fl-Ingilterra bejn l-1981 u l-1996. Fix-xena internazzjonali beda l-involviment tiegħu fi ħdan il-UEFA sa mill-1979 meta kien jifforma parti minn grupp li beda jistudja fuq is-sostanzi pprojbiti fl-isports. Fl-1988 waqt l-Kungress li kien inżamm fi Munich fil-Ġermanja, huwa kien elett bħala membru fil-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA. Imbagħad wara l-irtirar tiegħu minħabba l-eta` fl-1996, huwa kien ġie maħtur bħala Membru Onorarju tal-istess Għaqda tal-Futball Ewropea. Fix-Xena Internazzjonali serva bħala *chairman* ta' diversi kumitati fi ħdan il-UEFA fosthom dawk tar-*Referees*, tad-Dixxiplina u tal-Futsal.

Kif għidt iktar qabel, Sir Bert Mullichip għamel iktar minn żjara waħda fil-gżira għawdxija. Huwa kien dejjem jimpressjona ruħu bis-sbuħija naturali u l-mod akkoljenti kif in-nies tagħna jilqgħu lill-barranin fosthom. Fil-fatt niftakar jgħidli tajjeb li minkejja li l-Għawdxin m'għandniex xi livell għoli ta' *football*, però l-attitudni tagħna hija l-aqwa *Fair Play* għax bħala Għawdxin nagħmlu minn kollox biex nagħtu kull għajnuna u sapport li dawk li jżuru lil gżira tagħna. Huwa kumpliment li jgħadduh diversi barranin, fuqna. Però dan Mullichip, minkejja li kien statura kbira fix-xena sportiva internazzjonali, ma kien jiddejjaq xejn li jinsab fi gżira żgħira bħal tagħna u kien japprezza l-fatt li nagħmlu minn kollox biex ħadd ma jħossu 'l bogħod minn art twelidu.



Personalment lili mpressjonani bl-umiltà kollha tiegħu u ma kien jagħmel l-ebda distinzjoni li għax qed jitkellem ma' xi Għawdxi, għalih kienet ser tagħmel xi differenza. Niftakar l-ewwel darba li ltqajt miegħu u għidtlu li jien Għawdxi, qalli li dan ma jagħmel l-ebda distinzjoni għalih għax kulħadd għandu l-istess dinjità, tkun minn fejn tkun. U l-biża' li forsi kelli dak in-nhar li ma kienx ser jagħti kasi, sparixxiet immedjatament. Fil-fatt tkellimna ma' xulxin fuq diversi setturi li l-futbol huwa msawwar bihom. Fost l-iktar li qasam l-esperjenza tiegħu miegħi kien propju fuq l-importanza aktar minn qatt qabel li l-isport għandu jkollu sehem importanti fil-ħajja ta' miljuni ta' persuni f'ħafna pajjiżi. Semmieli kemm dawn jieħdu sehem f'forom varji ta' sport. Kellu għal qalbu l-ideal tal-*Fair Play* u li dan il-kunċett għandu jmexxi kull forma ta' sport, hi x'inhi l-eta` tal-parteċipanti. Bħala ġurnalist,

lili kien issuġġerili li aħna għandu jkollna l-ħsieb tal-promozzjoni tal-isport inkorporat mal-*Fair Play* u li nesprimu dejjem li m'hemmx sport mingħajr *Fair Play*.Dan il-kunċett għall-grazzja t'Alla dejjem tajtu u bqajt nagħtih l-importanza kollha massima tiegħi. U dan anke jekk kultant ikun diffiċli li wieħed jibdel il-kundizzjonijiet tal-prattika sportiva biex ikun żgurat il-*fair play*. Però din il-promozzjoni, temm jgħidli, Sir Bert Mullichip, anke jekk ħafna jemmnu li hija diffiċli, huwa ferm indispensabbli li kulħadd jaħdem biex jissaħħaħ l-għarfien tal-problema u li jiddaħħlu ideat ġodda li jwasslu għal attitudni ġusta.

Ngħaddi issa għal ġentlom ieħor. **Frank Taylor O.B.E.** miet fit-18 ta' Lulju li għadda fl-eta` ta' 82 sena. Nisthajjel lil min qed jaqra dan l-artiklu jistaqsi min kien Frank Taylor. Iltqajt miegħu għall-ewwel darba waqt is-seminar fil-ġurnaliżmu sportiv, organizzat għall-ewwel darba mill-Għaqda Kittieba Sport fl-1994. Matul il-jiem li dam fostna huwa kien ġie wkoll Għawdex u jiena kelli wkoll ix-xorti u l-unur li nistiednu għall-ikel id-dar tiegħi. Kienet ġurnata memorabbli għalija dak in-nhar li kont qed nospita personalità daqstant għolja fil-ġurnaliżmu sportiv mondjali.



Frank Taylor beda l-karriera ġurnalistika sportiva tiegħu fl-1937. Matul il-karriera tiegħu huwa rraporta diversi avvenimenti sportivi kemm domestiċi, kif ukoll internazzjonali. Fost dawn insibu diversi Tazzi tad-Dinja u Logħob Olimpiku. Frank Taylor kien il-President tal-AIPS li hija l-Għaqda tal-Kittieba Sportivi Mondjali bejn l-1973 u l-1977 u bejn l-1981 u l-1993. Wara mbagħad huwa kien ġie maħtur bħala president onorarju għal għomru. Kien ukoll President bejn l-1973 u l-1977 tal-UEPS li hija l-Għaqda tal-Ġurnalisti Sportivi Ewropej. Fl-1978 huwa ġie onorat għas-servizzi tiegħu fil-qasam sportiv u anke dak ġurnalistiku bl-*Order of the British Empire*. Huwa kien awtur ta' tmien kotba sportivi, fosthom l-iktar li għamel suċċess kien *The Day a Team Died* li jirrakkonta l-istorja tad-diżastru ta' Munich li seħħ fis-6 ta' Frar 1958, meta kważi t-tim kollu ta' *Manchester United* tilef ħajtu traġikament meta kkraxxja l-ajruplan. Dak in-nhar kien hemm seba' ġurnalisti jakkumpanjaw lil *United* u Frank Taylor kien l-uniku wieħed minnhom li salva. Xhieda ta' dan kienet propju d-diżabilità fiżika li sofra f'sieqhttps u x-xellugija.

Iżda lura għall-esperjenza tiegħi miegħu. Kien qalli li minn dejjem kellu l-ħolma li jżur lil Għawdex, minkejja li Malta min-naħa l-oħra ma kienetx ġdida għalih bħala membru tal-*Air Force* Ingliża matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Minn dejjem qalli li kellu kurżità fuq din il-gżira żgħira li kien jara mill-ajru. Allura nista' niddeskrivi jien il-ferħ li ħass meta, akkumpanjat minn martu u l-mibki kollega tiegħi John Debattista li kellu wkoll lis-sinjura tiegħu, waslu Għawdex. Baqa' mpressjonat bis-sbuħija tal-gżira, kif ukoll bl-akkoljenza mogħtija.

Naqsam ftit magħkom xi suġġerimenti li kien għamilli, li bħala ġurnalist sportiv ħdejh kont sempliċi fraka. Semmieli kemm huwa importanti rapportaġġ serju. Dan għandu jkun servizz tajjeb mimli informazzjoni, kompetenza u fuq kollox anke divertiment. Semmieli li biex tinforma lill-pubbliku, huwa essenzjali ħafna li tkun informat, kemm fuq l-avveniment li ser tirraporta, kif ukoll dwar il-personalitajiet li ser ikunu involuti fl-avveniment sportiv. Dan kollu minħabba l-fatt li b'hekk wieħed iktar jista jagħti gost lil min qed isegwi għax iħossu li qed jingħata servizz tajjeb. B'dan kollu wieħed ikun qed jibni reputazzjoni tajba u serja. Kien saħaqli ħafna fuq l-importanza li bħala ġurnalist sportiv għandi nibża' għar-reputazzjoni li ddum biex tibnija, li però minn naħa l-oħra faċli ferm biex titlifha. Wissieni wkoll biex ma nħallix il-partiġġjaniżmu itellifni mir-reputazzjoni u l-kompetenza tiegħi. Semmieli l-importanza kbira li meta nirraporta avveniment sportiv qatt m'għandu jkolli xi appoġġ partikulari għal xi wieħed mill-kontestanti. Għadu jidwi f'widnejja l-kliem li bħala ġurnalist sportiv qiegħed hemm biex nirraporta dik il-ġrajja u nkun l-għajnejn, il-widnejn u l-moħħ ta' min ma setax ikun preżenti.

Għandi ħafna iktar esperjenzi x'nirrakkonta ta' dawn iż-żewġ personalitajiet sportivi internazzjonali li ħallewna matul is-sena l-oħra. Persważ fuq kollox li ħidmiethom sportiva fuq din l-art kienet ta' mudell u eżempju għal bosta oħrajn. Ninsab ċert li issa huma qed igawdu l-premju ta' ħidmiethom.








# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Ħalliel jisraq karozza b'katavru ġo fiha*

Ix-xorti ma daħkitx lil ħalliel f'Los Angeles li wara li kien ħa battikata ġmielha biex seraq *van*, twaqqaf mill-Pulizija fuq *highway* u fuq in-naħa ta' wara tal-*van* instab katavru ta' bniedem! Juan Preciado ta' 30 sena, qal li ma kellux idea kif dak ir-raġel spiċċa fil-vettura tiegħu! Povru Juan kellu jammetti kollox fi ftit minuti!

### *Mhux aktar "French fries" minħabba d-determinazzjoni ta' Chirac.*

Ristorant ta' *fast-food* f'North Carolina ddeċieda li jibdel l-isem tal-patata moqlija. Mhux aktar *French fries* imma *Freedom Fries*. Is-sid tar-ristorant Cubbie, Neal Rowland, qal li bħala ristorantier ma jridx li jkollu x'jaqsam aktar mal-Franċiżi wara li l-President ħabbar li mhux ser jappoġġja lill-Istati Uniti f'eventwalità ta' gwerra fuq l-Iraq.

### *Jissejjaħ għall-Militar ta' 9 snin.*

Tfajjel ta' 9 snin mit-Taiwan isejjaħ mill-awtoritajiet biex jibda s-servizz tal-militar. Il-ġenituri ta' Chan Tsung-min ma riedux jemmnu lil għajnejhom u pprotestaw. Li ma kienux jafu kien li bi żball skrivan kien biddel id-data tat-twelid ta' binhom minn 1994 għal 1984!

### *Raġel liebes maskra tal-gass iqajjem paniku*

Raġel ġie arrestat f'South Dakota wara li nstab ħati li saq *van* liebes maskra tal-gass. Ħafna sewwieqa li innotaw lir-raġel ippanikkjaw għax ħasbu li kien ġej xi attakk terroristiku! Tant qam paniku li jingħad li kien hemm anke nċidenti tat-traffiku! Ir-raġel ġie arrestat f'Buffalo Ridge. Meta ġie mistoqsi x'kellu f'moħħu, ir-raġel qal li fil-vann tiegħu kien ixomm riħa tintenn pesta u ħaseb li b'hekk seta' jevita kull kuntatt magħha.

### *Isalva 'l ibnu u jsib ħin biex jirranġa ambulanza*

L-inġinier Ingliż Chris Wilkinson għamel bravura doppja ftit ġimgħat ilu. Irnexxielu jagħti l-ħajja lill-ibnu ta' sentejn wara li dan waqa' mis-sodda, ħabat rasu u ntilef minn sensieh u anke wasal biex irranġa l-ambulanza li ġiet għal ibnu u ma setgħetx tistartja!

Ġara li grazzi għall-intervent tiegħu, l-ambulanza waslet fil-*Huddersfield Royal Infirmary* f' *West Yorkhire*, fil-ħin, u ċ-ċkejken Ian ngħata l-kura kollha li kellu bżonn.



## *CHAMBRAY... 150 SENA ILU!*

*Ritratt meħud fl-1860 minn fuq il-bejt tal-kwartieri tal-Forti Chambray, juri mhux biss is-swar u l-pont fuq il-foss kif kienu sa' ftit snin ilu, imma wkoll fil-bogħod ir-raħal ta' Għajnsielem u t-torri ta' Kenuna fuq l-għolja tan-Nadur. (Ritratt: Malta Maritime Museum)*




LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# IL-HARSIEN TAL-KMANDAMENTI

*"Dawn il-kmandamenti huma l-bażi ta' kollox għax kull liġi oħra hija tifsira ta' xi parti minnhom... Għalhekk il-Knisja bniet il-liġijiet tagħha fuq l-għaxar kmandamenti. Hi trid li nkunu nafuhom u nosservawhom. U biex inħarsuhom tajjeb, jeħtieġ li jkunu mfissrin lilna wkoll tajjeb fil-katekesi li tingħata qabel l-ewwel tqarbina u l-griżma, u li għandha tibqa' tingħata wkoll fl-età adulta meta l-bniedem isib ruħu f'diversi ċirkostanzi tal-ħajja."*

\- P. Guido Schembri ofm, fil- "Kelmtejn Qabel" ta' dan il-ktieb.

**Dan huwa s-seba' volum fis-sensiela popolari ta'**
**KATEKESI GĦALL-KBAR**
**Is-sitt volumi l-oħra li ġa ħarġu huma dawn:**




*Sintesi ta' l-Istorja Biblika b'riflessjonijiet minn P. Guido Schembri ofm.*




*Sintesi ta' l-Istorja tal-Knisja b'riflessjonijiet minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*




*Tagħrif Storiku u Riflessjonijiet tal-Ġublew 2000 minn Mons. Salv Borg*




*Katekesi dwar is-Sagrifiċċju Ewkaristiku minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*




*Katekesi dwar is-Seba' Sagramenti minn P. Guido Schembri ofm.*




*Katekesi dwar it-Tridu Paskwali minn Angelo Xuereb*

*Jinbiegħu għall-prezz ta' Lm1.50 il-kopja*


Palazzo Margherita
Let your wedding
reflect your personality
For Reservations phone
2155 5737, 2155 7898